

# dawl Franġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

MEJJU 2011 – II-31 SENA – GHADD 310 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373

















3 **Ma jeżisti l-ebda divorzju responsabbli**
Editorjal

5 **Poeżija**
minn P. Wistin Attard OFMCap

6 **Bibbja**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

8 **Ġwanni Pawlu**
minn Patri Silvestru Bonavia OFMCap

14 **Il-Bolol ta' Malta - 26**
minn Tony C. Cutajar

15 **Żwieġ u Divorzju - Għaliex ma jmorrux flimkien?**
minn Philip E. Said

18 **Franġiskanismu**
minn Patri Ivan Scicluna OFMCap

20 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

21 **Ġi.FRA**
minn Lara Meli

22 **Vokazzjoni**
minn Fr Godfrey Zarb OFMCa

23 **Reċensjoni**

24 **Il-"Le" Għad-Divorzju**
minn Dun Pawl Camilleri

25 **"The Cuschieri Collection"**

26 **Teoloġija tal-Ġisem - 5**
minn Patri Mario Attard OFMCap

28 **Esperjenza**
minn Br Miguel Zammit OFMCap

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Missjoni Kuba**


**Hlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



*Qoxra:*
**Il-Papa Ġwanni Pawlu II**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frano Fenech OFMCap
Ivan Scicluna OFMCap
Martin Micallef OFMCap



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: lpf1939@gmail.com

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



© Dawl Franġiskan 2011
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# MA JEŻISTI L-EBDA DIVORZJU RESPONSABBLI

In-nisrani awtentiku, li jrid ikun dixxiplu veru tal-Mulej, ma jistax jaġixxi, jgħix, jitkellem u jiddeċiedi differenti min kif jagħmel il-Mulej. Għalhekk, in-nisrani m'għandux moralità oħra ħlief dik ta' Kristu.

- **Kif jista' jgħid li hu nisrani u dixxiplu ta' Ġesù f'ċerti postijiet, f'ċerti ħinijiet u f'ċerti waqtiet u mbagħad f'waqtiet oħra mhux?**
- **Kif jista' jgħid li hu nisrani mbagħad jagħżel mill-Evanġelju xi jżomm u ma jżommx?**
- **Mela l-Evanġelju mhux kollu sħiħ irridu noħduh?**

Dan id-diskors jgħodd ħafna għalina, issa li f'pajjiżna, ninsabu fuq l-għatba tar-referendum konsultattiv dwar id-divorzju. Ninsabu quddiem sfida kulturali, intelletwali u spiritwali kbira li kontinwament tistaqsina għaliex inħaddnu dak li nħaddnu u għaliex nemmnu dak li nemmnu? Din hija sfida li lin-nisrani ma tbeżżgħux anzi timlieh bil-kuraġġ għax jaf li jrid jagħti xhieda u jrid jwieġeb għaliha bil-valuri ispirati mit-tagħlim nisrani.

Xi wħud minn fostna qed isibu ruħhom bejn ħaltejn u f'diffikultà, hekk li qed jgħidu:

- **"Jien kontra d-divorzju, iżda minħabba l-qariba tiegħi, din m'għandux ikollha ċans ieħor f'ħajjitha?" jew**



- **"Jien mhux għalija tafx, għax jien ma naqbilx mad-divorzju, iżda għal dik it-tfalija ta' 28 sena li r-raġel kien jaqlibhiela, kien issawwatha u issa ħalliha b'żżewġt itfal lampa u stampa".**

Nifhmu u nħossu qalbna tingħafas quddiem it-tbatija u l-uġigħ ta' dawn il-qraba, iżda liema regola jew riċetta jew mistura se ssolvi l-problemi u l-uġigħ kollu tad-dinja?

Stranament xi wħud iżommu li d-divorzju huwa bħal soluzzjoni maġika, li se tneħħi l-problemi tal-miżżewġin. Id-divorzju fl-ebda waqt u fl-ebda mument ma huwa xi soluzzjoni. Id-divorzju m'huwa ta' ġid għal ħadd, la għal koppja, la għat-tfal u lanqas għas-soċjetà. Id-divorzju huwa dejjem ta' ħsara, u dan mhux biex inbeżżgħu bil-babaw, iżda għaliex idaħħal l-idea fil-moħħ tal-ġenerazzjonijiet futuri li ż-żwieġ mhux għal dejjem. Id-divorzju jmermer b'mod irreparabbli r-rabta taż-żwieġ. U min se jidħol għal żwieġ bla rabta?

## Inutli jgħidu li d-divorzju jidħol wara li jkun diġà tkisser iż-żwieġ. Mhu veru xejn. Bil-liġi tad-divorzju tinħoloq mentalità u kultura li twassal għal aktar tkissir.

L-istatistika turi li bid-divorzju:

- jonqos iż-żwieġ, għax tinħoloq kultura ta' biża' miż-żwieġ;
- tiżdied il-koabitazzjoni. Infatti l-Irlanda, li llum kulħadd qed isemmiha, wara d-dħul tad-divorzju fl-1997, il-koabitazzjoni żdiedet bċ400% ; u
- jiżdied id-divorzju. Minn studju li sar fl-Ewropa, instab li bid-dħul tal-liġi tad-divorzju, id-divorzju jiżdied bi 20%. Fl-Irlanda biss, għaxar snin wara d-dħul tad-divorzju, it-tifrik tal-familji żdied b'100%. Tant hu veru, li f'bosta pajjiżi, fosthom l-Istati Uniti u l-Kanada, l-ewwel żwieġ ifalli b'50%; it-tieni ż-żwieġ, meta suppost jafu iżjed, ifalli b'67% u t-tielet żwieġ, meta suppost tgħallmuha l-lezzjoni, jfalli b'74%.

Ma jeżisti l-ebda divorzju responsabbli. Id-divorzju huwa l-istess kullimkien. Bid-divorzju flok ma nfittxu l-interess u l-ġid komuni, jiġifieri, flok ma nfittxu l-interess u l-ġid tal-familja u tas-soċjetà nibdew infittxu l-interessi personali tagħna, għax id-divorzju jdaħħal kultura individwalistà u egoista billi jeqred kull spirtu ta' komunjoni. Għalhekk bir-raġun insejħulu r-rovina tal-familja Maltija.

Kif nistgħu nitkellmu minn divorzju responsabbli meta d-domanda fir-referendum konsultattiv qed:

- tagħti lok lill-individwu, li wara erba' snin isseparat, mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra, ikun jista' jitlob id-divorzju u jkun jista' jiżżewweġ oħra ċivilment. Min għandu s-setgħa jħoll dak li jgħaqqad Alla? Mela ż-żwieġ ivvintah l-Istat biex jiddeċiedi liema żwieġ jibqa' u liema le?
- tagħti l-opportunità lill-individwu, li wara erba' snin isseparat, mingħajr spjega jew raġuni, jitlob id-divorzju. Dan hu proprju in-no-fault divorce. Dan hu l-istil ta' Las Vegas, xejn inqas u xejn iktar;
- tagħti ċans lill-individwu, li wara erba' snin isseparat, jekk finanzjarjament ikun tat-tajjeb u jkun jista' jmatni lil uliedu, jkun jista' jerġa' jiżżewweġ u jerġa jiżżewweġ u jerġa' jiżżewweġ bla limiti ta' xejn. Dan hu l-veru każ li min għandu l-flus jagħmel li jrid.

Nisrani veru mhux se jħalli domanda qarrieqa tingannah. Nisrani veru u kuraġġuż mhux se jibża' jkun differenti minn ħsibijiet ta' oħrajn, anki jekk jidħku bih u forsi anki jiżżufjettaw bih, għax jaf li anki jekk ikun waħdu quddiem id-dinja, ma jkunx waħdu quddiem Alla. Nisrani veru jaf li jeħtieġ li iżjed nogħġbu lil Alla milli lill-bnedmin.

## Dan ifisser li jaqbel ħafna aktar li naħdmu għat-tisħiħ tal-familja għax konvinti li familja b'saħħietha, hija ta' ġid għall-membri tal-familja u għas-soċjetà kollha kemm hi. •





# ftit mistrieħ

Tgħajtux għax se tqajmuħ, ħalluħ jitniegħes,
Ħalluħ kemm kemm jixxabbat maċ-ċagħqiet,
Ħalluħ jitfissed taħt xemx tikwi l-ankri
Bilkemm jinstema' jonħor mal-blatiet.

Ix-xiħ fix-xatt imxammar qed ilesti
Ix-xolfa f'ħemda kbira b'siġġu ħdejh
Ixarrab il-ħobż xieref f'xiber ilma
U jraxxax l-għalf ħa' jressaq il-ħut lejh

Ix-xeħta tas-sufrun tinstema' ċċafċaf
U s-siġġu jżaqżaq maċ-ċaqliq tal-id.
Kultant itella' l-qasba 'l fuq ħa' jara
Tnaqqarx il-ħobż u jagħmel ħobż mill-ġdid.

Ma' ġenbu kop jixxennaq ħuta kbira,
Fil-basket ħut jissara fuq xulxin.
In-nies tħobb tieqaf tħares u titkellem
Tistenna xi kaħlija mhux ħażin.

U tella' żewġ jitħabtu għal ħajjithom
Imma 'id ix-xiħ taf sew kif ma tarmix.
Imdorri b'ħutiet sbieħ daqskemm bid-domni,
Id-dehen u s-sengħa kibru mat-tikmix.

Iż-żiffa ħelwa qajmet wiċċ il-baħar
U n-nies inġabret ħalli żżoqq it-tfal.
Ix-xiħ ukoll sarr kollox, telaq lura.
Ilkoll ħenjin striħajna mill-jiem tqal.

Ix-xogħol u l-għejja jgħabbu lil spallejna
Li jogħtru jekk kultant ma nistrihux.
Il-ftit mistrieħ irewwaħ il-ħuġġieġa
U jqajjem spirtu ġdid u ma nbattux.

# "MISSIERNA"





"Araw b'liema għożża ħabbna l-Missier; nistgħu nissejħu wlied Alla, u hekk aħna tassew" (1Ġw 3:1).

Ladarba aħna wlied Alla, Alla hu Missierna. U hu Missierna tassew. Din hi l-verità. U hi ħaġa kbira tassew! Alla, il-Qaddis, adotta lilna b'uliedu, li aħna midinbin. Anzi għamilna wliedu tassew bit-twelid ġdid li tana bl-Ispirtu ta' Ibnu l-waħdieni li hu sawwab fina (Rum 8:15-16; Gal 4:6). Wara li twelidna skond il-liġi naturali mill-ġenituri tagħna, twelidna mill-ġdid skond l-ordni soprannaturali tal-grazzja minn Alla (Ġw 1:12-13). U ksibna s-setgħa jew id-drtt li lil Alla nsejħulu **"Missierna"**. Anzi nemmnu li hu Missierna tassew f'Ibnu waħdieni Ġesù Kristu.

## RIVELAZZJONI TAT-TESTMENT IL-ĠDID

Din hi rivelazzjoni speċjali tat-Testment Il-Ġdid. Rivelazzjoni li waslet għandna bil-missjoni ta' Ġesù Kristu. **"Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier"** (Ġw 1:18). U Ġesu fl-aħħar ta' ħajtu seta' jgħid lil Missieru: **"Jiena għarraft ismek lill-bnedmin li inti tajtni mid-dinja. Jiena għarrafthom ismek u għad ngħarrafhulhom iżjed"** (Ġw 17:6). L-Iben il-waħdieni ta' Alla, li sar bniedem bħalna, għarrafna li Alla hu fuq kollox Missierna. U hu b'mod speċjali Missier dawk li jilqgħu 'l Ġesù Kristu u jemmnu fih.



Fit-Testment il-Qadim Alla jissejjaħ ukoll Missier Iżrael bħala poplu. Hu sawru u għamlu l-poplu tiegħu. Hu ħarsu u għamlu l-poplu tiegħu. Hu ħarsu u mexxieh mill-ħruġ tal-Eġittu sal-art imwiegħda. Mosè ċanfar lill-poplu ngrat u qallu: **"B'hekk tħallsu lill-Mulej, poplu iblah u bla għaqal? Mhux hu missierek, li għamlek tiegħu? Mhux hu li sawrek u qawwiek?"** (Dt 32:6; ara Is 63:16; 64:7). Lil Iżrael Alla ħabbu bħalma missier iħobb lil ibnu (Ġer 3:19; Hos 11:3-8). Alla hu Missier il-poplu ta' Iżrael fis-sens tal-imħabba speċjali li wera dejjem lejh u

tal-providenza li biha dejjem ħa ħsiebu. Hu f'dan is-sens li l-Lhud aktar tard kienu jsejħu lil Alla **"Missierna"** fit-talb tagħhom (ara Is 43:16; 64:7; Tob 13:4). Billi s-sultan ta' Iżrael kien meqjus bħala bin Alla, kif kienet ukoll il-mentalità tal-popli ġirien tagħhom, Alla kien ukoll meqjus bħala Missieru. Dan fis-sens tal-protezzjoni speċjali ta' Alla li kien igawdi s-sultan (ara 2Sam 7:14-15; Salm 2:7). Hekk ukoll il-Messija-Sultan, li kien bin Alla, kellu 'l Alla b'Missieru (Salm 110 u Salm 89:27-28). Kien aktar tard, fi żmien eqreb lejn it-Testment il-Ġdid, li l-bniedem tajjeb beda jissejjaħ **"bin Alla"** u għalhekk beda jingħad ukoll li kellu 'l Alla b'Missieru, fis-sens li Alla kien iħobbu b'mod speċjali, kien jieħu ħsiebu jħarsu mill-għedewwa tiegħu (ara Salm 103:13; Prov 3:12; Sir 23:1-4; Għerf 2:13-18).

Imma r-rivelazzjoni sħiħa ta' Alla bħala Missier kienet riservata għat-Testment il-Ġdid. Kien Ġesù Kristu, l-Iben li niżel fostna minn ħdan il-Missier, li wassilna r-rivelazzjoni li Alla hu Missieri u Missierna (Ġw 20:17). Alla hu Missier Ġesù għax dan hu Ibnu l-waħdieni minnu mnissel sa minn qabel iż-żmien (Ġw 1:1.18). U hu Missier dawk li bil-fidi tagħhom fih jingħaqdu miegħu u fih u bih isiru wliedu tassew.

## MISSIER ĠESÙ U MISSIERNA

L-Evanġelji juruna li Ġesù tkellem ħafna fuq Alla bħala Missier. Is-Sinottiċi juruh l-aktar jitkellem fuq Alla bħala Missier il-bnedmin kollha, l-aktar tal-ġemgħa ċkejkna tiegħu. Juru li All hu Missierhom għax iħobbhom, jieħu ħsiebhom u jipprovdilhom dak li jeħtieġu (Mt 6:26.32; 7:11; Lq 11:13; 15:11-32). Min-naħa tagħhom huma għandhom jixbħuh fl-imġiba tagħhom ma' ħuthom bl-imħabba u l-ħniena, biex ikunu wlied Missierhom (Mt 5:44-48; 18:33; Lq 6:36).

L-aqwa rivelazzjoni tal-paternità divina hi dik fejn Ġesù tkellem fuq Alla bħala Missieru u fuqu nnifsu bħala l-veru Iben tiegħu. Skond l-Evanġelisti, Ġesù kien attent li ma jiftiehemx ħażin li Alla u Missieru u Missier id-dixxipli tiegħu bl-istess mod u xorta waħda. Għalih innifsu kien jgħid, **"Missieri"** (Mt 7:21; 11:27; Lq 2:49; 10:21; 22:29); lill-oħrajn kien jgħidhom, **"Missierkom"** (Mt 5:45; Lq 12:32; Ġw 20:17). Hekk ukoll kien jitkellem minnu nnifsu bħala l-Iben, il-maħbub jew l-għażiż (Mk 13:32; 12:6); u mill-oħrajn bħala wlied Missierhom (Mt 5:45; Lq 6:35). Hu l-aktar fl-Evanġelju skond San Ġwann li Ġesù hu ppreżentat bħala l-veru Iben ta' Alla, l-Iben il-waħdieni ta' Alla (1:14.18; 3:16.18). Għalhekk f'dan l-Evanġelju jingħad ukoll li Alla hu Missieru tassew. Ġesù, l-Iben, hu ħaġa waħda mal-Missier fir-rieda, fil-ħidma u fil-glorja (Ġw 5:17.19-21; 17:1-4). Alla hu tassew Missier Ġesù, għax Ġesù hu l-Verb li kien miegħu sa minn qabel ma saret id-dinja (Ġw 1:14.17; 17:5). Hu f'dan is-sens li għandna nifhmu wkoll l-affermazzjoni li spiss itenni San Pawl, li Alla hu "Missier Sidna Ġesù Kristu" (Rum 15:6; 2Kor 1:3; Efes 1:3; eċċ).

Bit-tagħlim ta' San Ġwann kif ukoll f'dak ta' San Pawl tidħol ukoll bħala element ewlieni t-tema tal-bnedmin bħala wlied Alla, għax hu Missierhom f'Ibnu Ġesù Kristu. Iżda huma t-tnjen, Ġwanni u Pawlu, imorru 'l quddiem ħafna aktar mis-Sinottiċi. Skond dawn it-tnejn, Alla hu Missierna mhux biss għax ħalaqna u jieħu ħsiebna, iżda wkoll għax għamilna wliedu tassew (1Ġw 3:1). Din hi l-grazzja tal-adozzjoni, kif ifissirha San Pawl jew tat-twelid minn Alla, kif jispjegaha San Ġwann. Fl-Iben il-waħdieni tiegħu Alla għamilna wliedu, adottana b'uliedu, u tana s-setgħa li nsejħulu: **"Abba! Missier!"** (Rum 8:15-17; Gal 4:4-4-6).

Abba: din hi l-kelma li biha Gesù, meta kien fuq l-art, kien isejjaħ lil Alla fit-talb tiegħu kif għamel fit-talba ħerqana tiegħu fil Ġetsemani. San Mark ħallielna din il-kelma kif ħarġet mill-fomm ta' Gesù f'dik l-aħħar siegħa ta' ħajtu (Mk 14:36). Abba (minn 'ab, missier) hi kelma bl-Aramajk fil-forma enfatika u vokattiva. Kienet il-kelma ta' affezzjoni li biha t-tfal kienu jsejħu lil missierhom. Fuq il-fomm ta' Ġesù tfisser ir-relazzjoni intima tiegħu mal-Missier.

Din il-kelma ta' Ġesu għaddiet għal għand l-insara tal-komunitajiet Griegi ta' żmien l-Appostli (ara Rum 8:15; Gal 4:6). Aktarx li din kienet il-formula tagħhom fit-talba li għallem Ġesù (ara Lq 11:2). Il-formula l-oħra li naqraw fl-Evanġelju skont San Mattew tibda bil-kelma **"Missierna"**, li tikkorrispondi għall-kelma Lhudija Abuna. Din hi l-formula li daħlet u nżammet fil-lituġija tagħna. Hekk aħna, miġburin f'dar Missirna, ilkoll aħwa f'familja waħda, nitolbu flimkien u nsejħu lill-Mulej Alla: **"Missierna li inti fis-smewwiet"** (Mt 6:9).

Hi tassew ħaġa kbira li aħna, bnedmin dgħajfa u midinbin, naslu biex insejħu 'l Alla **"Missierna"**. Ġesù kien isejjaħlu b'dan it-titlu bid-dritt tal-filjazzjoni naturali tiegħu bħala l-veru Iben ta' Alla. "Missier" jew **"Missieri"** kien jgħidlu (Mt 11:25; Lq 10:21; Mk 14:36; Ġw 12:41: 17:1). Imma aħna l-bnedmin qatt ma konna naslu biex insejħu 'l Alla, Missierna, li kieku Ġesù nnifsu ma taniex din is-setgħa tal-ulied ta' Alla (Ġw 1:12)., hu bis-setgħa tal-kelma tiegħu li aħna nagħmlu l-qalb u ngħidu: **"Missierna li inti fis-smewwiet"**. Għalhekk tassew f'lokha l-espressjoni li konna ngħidu bil-Latin fil-formula tal-introduzzjoni għat-talba tal-Missierna fil-quddiesa: audemus dicere, nagħmlu l-qalb u bil-kuraġġ kollu nsejħu lil Alla, Missierna. U dan għax hu l-istess Iben il-Missier li awtorizzana nsejħulu kif kien isejjaħlu hu. Hekk ħabbna l-Iben ta' Alla, li tana 'l Alla, Missieru, b'Missierna tassew. •



# IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II U MALTA FIL-BEATIFIKAZZJONI TIEGĦU FL-1 TA' MEJJU 2011

## MALTA HIJA MSEJĦA BIEX TOFFRI T-TEŻORI TAGĦHA TAL-FIDI U TAL-VALURI NSARA

Kważi kull pajjiż fil-pjaneta tagħna jgħożż tifkiriet sbieħ tal-Papa Ġwanni Pawlu II li nhar l-1 ta' Mejju se jiġi dikjarat BEATU mill-Papa Benedittu XVI. Din hija ġrajja storika qabel kollox għax ftit li xejn kienu l-każi li Papa jiġi mgħarraf hekk proprju mill-ewwel suċċessur tiegħu f'qasir żmien ta' sitt snin minn mewtu.

Barra li bħala pajjiż ngħożżu t-tifkira taż-żewġ żjajjar li l-Papa kien għamel f'pajjiżna – bla ma ngħoddu t-tielet waħda qasira li għamel erba' xhur wara t-tieni waħda proprju għal ftit siegħat fl-1 ta' Settembru 2001 fi triqtu lejn it-Tanzanija, u li sa llum qatt ma ngħata tagħrif sħiħ dwarha – il-poplu ta' dawn il-Gżejjer għandu xorti kbira li ra l-Papa Ġwanni Pawlu II jżur iż-żewġ djoċesijiet ta' Malta u Għawdex. U dan aktar napprezzawh meta niftakru li fil-Knisja Kattolika hawn qrib it-3000 djoċesi fid-dinja!

U mhux biss bħala pajjiż wieħed, poplu t'Alla wieħed f'żewġ djoċesijiet, imma bosta huma dawk, fosthom min qed jikteb, li għandhom tifkiriet personali. Mhux biss kapijiet tal-Istat Malti u tal-Gvern Malti, mhux biss l-Arċisqof u l-Isqfijiet l-oħra Maltin f'Malta u f'artijiet tal-Missjoni, imma bosta Maltin u Għawdxin, ta' kull klassi u età bħal bosta f'kull pajjiż tad dinja – saċerdoti, reliġjużi, abbatini, familji, morda, tfal, żgħażagħ, kantanti, sportivi, u kull kategorija oħra... ilkoll jistgħu jirrakkuntaw ħafna dwar il-laqgħa jew laqgħat ma' dan il-Papa Kbir u fuq kollox Qaddis.

U kulħadd ikun kelma waħda: wara li jgħaddu dawk il-ftit mumenti ta' biża' u emozzjoni, stagħġib b'rogħda ma' ġismek kollu... imbagħad kont tittendi li tinsab preżenti quddiem bniedem u ma' persunaġġ waħdieni, li kif stqarru bosta, kien iqarrbek lejn Alla, hu li kien ir-rappreżentant u l-Vigarju tiegħu fuq l-art! Hekk ħassejtni jien ukoll fit-tlieta jew erba' laqgħat li kelli wiċċ imbwiċċ miegħu bejn l-1980 u l-1985 meta kont ngħix, naħdem u nistudja f'Ruma.



U dwar laqgħat hekk ġa nkiteb ħafna u għad jinkiteb aktar fuq il-marka li l-Papa Beatu ħalla fuq dak jew dik li tkun. U issa, iktar u aktar li l-Knisja qed tagħraf b'mod solenni l-qdusija tiegħu, dawn it-tifkiriet jieħdu marka speċjali, tifsira ġdida u fuq kollox grazzja t'Alla li tkun iltqajt ma' bniedem straordinarju t'Alla, li għex fostna u magħna u li ħalla marka hekk kbira fl-istorja ta' żmienna. Huwa Papa li l-messaġġi u d-diskorsi tiegħu, il-kitbiet u l-enċikliċi u l-ħidmiet u l-inizjattivi li ħa għad iridu jiġu mfissra u vvalorizzati fis-snin li ġejjin. U dan kemm għall-Knisja kif ukoll għas-Soċjetà kollha kemm hi.

Dwar dan ħadd ma jlissen l-iċken dubju! Għax il-missjoni u l-ħidma u l-iskop kollu ta' kull ma qal, għamel u għallem il-Papa Ġwanni Pawlu II kien il-bniedem biex jagħraf jgħix sħiħa d-dinjità tiegħu u s-sejħa tiegħu sabiex b'hekk isib il-milja kollha ta' ħajtu! L-esperjenza li kellu tal-bniedem kemm dik imdawla bil-Kelma t'Alla ispirata u t-teoloġija, kif ukoll bil filosofija "akuta" u wisq aktar b'sittin sena mdawwar b'ħakma komunista, atea u materjalista, hu kien jaf x'jeħtieġ il-bniedem ta' tmiem is-seklu 20 u dak tas-seklu 21. It-tagħlim tiegħu miġbur fis-57 volum ta' madwar 1500 paġna l-wieħed, huma ndirizzati lill-Kapijiet ta' stati kattoliċi u Nsara u lill-oħrajn ta' twemmin differenti jew saħansitra bla twemmin xejn, lid-diplomatiċi, lil nies ta' kull qasam tal-ħajja. Fuq kollox hemm id-diskorsi sbieħ u programmatiċi lill-Isqfijiet kollha fi-żjajjar ta' kull ħames snin f'Ruma u lill-Kongregazzjonijiet u Uffiċċji kollha tal-Vatikan li miegħu qasmu r-responsabbiltà tal-Knisja Universali. Dawn kollha joħorġu l-veru valur tal-bniedem u ħajtu biex f'soċjetà pluralistika u edonistika, konsumistika li xi drabi trid twarrab 'l Alla jew tipprexindi minnu jew teħodha kontriH: għal dawn kollha l-Papa kellu messaġġ wieħed, imtenni skont il-persuna, il-post, iċ-ċirkustanzi, u affarijiet oħra, biex jgħinu b'kull mod li setgħu, bil-mezzi li kellhom f'idejhom, skont is-sejħa tagħhom fid-dinja, sabiex jiskopru dawk il-valuri tal-Evanġelju li għallem Alla-Bniedem, Ġesù, li ħadd daqsu u bħalu, kien itenni, ma jaf x'hemm fil-bniedem u xi jrid il-bniedem. Għax meta l-bniedem jgħix hekk isib il-milja tal-veru żvilupp tiegħu, il-għaqda u s-sliem u l-veru ferħ.

## ĠWANNI PAWLU II F'MALTA

Fi-żjajjar tiegħu fostna, il-Papa Ġwanni Pawlu II għamel mhux anqas minn tmintax-il diskors li wħud minnhom huma programm ta' ħajja, mimlijin sustanza u li joffru dawl, gwida u kuraġġ quddiem l-isfidi u l-opportunitajiet tagħna bħala poplu wieħed f'Malta u Għawdex fis-snin li qed ngħixu fihom. Għalkemm l-ewwel żjara li saret fl-1990 ġa ilha 21 sena, imma dik kienet waħda li fiha ltaqa' ma' kull kategorija tas-Soċjetà Maltija u Għawdxija.




Il-messaġġ tal-Papa f'dawk id-diskorsi għadu jvenven mal-erbat irjieħ ta' gżirijietna biex ikun għal min għandu tassew għal qalbu l-ġejjieni sod tal-poplu tagħna, u tagħna lkoll, dawl, gwida u triq fis-sitwazzjonijiet li kienu qed ifiġġu quddiemna u li llum qed ngħixuhom! Qisu diskors li qiegħed jintqalilna llum stess!

Dawn kollha nistgħu niġbruhom fis-sejħa nisranija, imgħajxa b'konvinzjoni, mhux bi kliem u dikjarazzjonijiet biss, fis-siegħa attwali ta' llum kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, kemm fir-reġjun tal-Mediterran kif ukoll fl-Ewropa u fid-dinja. Infatti, waqt id-diskors ewlieni, u forsi l-aktar important, tal-Q.T. Ġwanni Pawlu II fl-ewwel żjara tiegħu, imsaħħaħ ukoll mill-vuċi soda tiegħu, huwa sejjaħ lill-Maltin u lill-Għawdxin kollha biex jagħarfu s-sejħa nisranija tagħhom u jgħixuha fid-dinja ta' llum; u għandhom jagħmlu dan biex jgħinu wkoll lill-Ewropa tagħmel l-aħjar għażliet f'salib it-toroq. Wara li qal li Malta jeħtieġilha tibni soċjetà li tixraq lit-tradizzjoni speċjali tagħha fil-fidi u l-virtujiet insara, huwa kompla:

Hekk kif l-Ewropa qed titħejja biex tidħol f'perijodu ġdid tal-istorja tagħha, perijodu mimli b'tamiet u sfidi ġodda, Malta hija msejħa biex tagħti sehemha għall-għaqda spiritwali tal-Kontinent il-Qadim billi toffri t-teżori tagħha tal-fidi u tal-valuri nsara. L-Ewropa teħtieġ ukoll ix-xhieda mwettqa bil-fedeltà ta' Malta wkoll.



## ĠWANNI PAWLU II F'GĦAWDEX

Fil-quddiesa tiegħu s-sibt 26 ta' Mejju 1990, fil-pjazza quddiem is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, f'Għawdex, il-Papa tkellem fuq il-post u l-ħarsien ta' Marija tul is-sekli fost l-insara f'dawn il-Gżejjer. Huwa saħaq ħafna fuq il-qdusija tal-familja nisranija u l-missjoni tagħha fis-soċjetà u fil-Knisja llum għax il-familja hija l-ewwel ċellula ħajja tas-soċjetà. Għalhekk is-saħħa spiritwali tal-familji tagħha jkunu dejjem il-qies fundamentali tas-saħħa tas-soċjetà. Huwa talab li l-familji ta' Malta u Għawdex ma jieqfu qatt iħarsu lejn Marija u l-familja ta' Nażaret bħala gwida sgura fost l-isfidi u l-provi tal-ħajja.

Kemm kien profetiku u attwali kliem il-Papa, il-Beatu Ġwanni Pawlu II; u kemm għandna bżonnu llum dan il-kliem aħna u l-familji tagħna fid-deċiżjonijiet kollha li nieħdu l-aktar f'dan ix-xahar li fih huwa stess qed jiġi mgħarraf bħala Beatu. Mhux biż-żewjjed għalina li ngħidu u nitkellmu u nfaħħru Papa hekk kbir u qaddis, imbagħad ma nimxux fuq l-eżempju u t-tagħlim li huwa tana, lilna poplu f'dawn il-Gżejjer!





L-ordni soċjali nisrani tassew u l-valur tax-xogħol kien il-messaġġ li l-Papa wassal fil-laqgħa li kellu mal-ħaddiema f'Bormla fi sfond tal-waqgħat ta' ideoloġiji li kienu għadhom kemm seħħu wara t-tneħħija tal-Ħajt ta' Berlin u l-ideoloġiji marksisti u komunisti. L-istorja wrietna u għallimitna li mhux dawn, imma l-messaġġ ta' Kristu biss biex jagħti d-dinjità vera lill-ħaddiema u lix-xogħol u l-progress sħiħ tas-soċjetà kollha.

Fil-knisja ta' San Ġiljan, il-Ħadd filgħodu is-27 ta' Mejju 1990, il-Papa stieden lin-nies ta' kultura u lill-professjonisti biex jagħarfu r-responsabbiltà kbira li jġorru biex ma jifirdu qatt it-tfittix tal-Verità mill-Kelma t'Alla, anzi fuqha għandhom jibnu s-sehem tagħhom fis-soċjetà u fid-dinja llum. Hawnhekk ukoll, dawk kollha fil-laqgħa kienu qed jirrappreżentaw l-eluf kbar ta' żgħażagħ li f'dawn l-aħħar snin imlew l-Università tagħna fl-iżvilupp li qed tagħmel b'pass imgħaġġel b'bibien miftuħa beraħ għaż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin li jridu jkomplu l-istudji għolja tagħhom u li jixtiequ jagħtu sehemhom fit-tibdil li pajjiżna għaddej minnhom.

## ĠWANNI PAWLU II F'TA' QALI

Liż-żgħażagħ miġburin il-Ħadd f'Ta' Qali, f'festa sabiħa mimlija ferħ u entużjażmu, Ġwanni Pawlu II stedinhom biex jilqgħu l-isfida sabiħa u kuraġġjuża li kellhom u għad għandhom quddiemhom: jekk kienux imħejjijin isibu l-qawwa tagħhom f'Ġesù u fil-kelma tiegħu; jekk dan kienux qed jgħożżuh biex jirbħu l-ħażen ta' madwarhom:

Skont il-qies ta' din ir-rebħa, iż-żgħożija tagħkom, l-entużjażmu tagħkom u l-fidi tagħkom huma sinjal ta' tama kbira għall-Knisja u għas-Soċjetà.

Dan biss, kompla l-Papa, jgħin biex nirbħu l-pressjoni li tiġi minn dawk ta' mparna u ta' madwarna u minn ċertu tendenzi tas-soċjeta' ta' llum. Il-ferħ u l-kant tal-eluf preżenti kien sinjal ċar kemm iż-żgħażagħ fehmu l-messaġġ mogħti lilhom minn dak li meta kien Karol Wotyla, żgħażugħ bħalhom kellu jirbaħ u jbati għall-prinċipji nsara li wiret u tgħallem mill-familja tiegħu u mill-parroċċa fejn kien jgħix.

F'dik l-ewwel żjara, il-Papa Ġwanni Pawlu II ltaqa' mas-saċerdoti, mas-seminaristi u r-reliġjużi kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex fejn ukoll kienu preżenti lajċi mpenjati fl-apostolat.



"...hawn Malta kellna x-xorti li nisimgħu minn fommu stess nhar id-9 ta' Mejju jiddikjara l-ewwel tliet Beati Maltin: Dun Ġorġ Preca, il-kjeriku Nazju Falzon u Sr Adeodata Pisani OSB."

F'Malta l-Papa tkellem dwar il-ħtieġa tar-radikalità tal-ħajja skont l-Evanġelju biex il-bniedem jingħata lil Alla u lill-Knisja għall-qadi ta' ħutu l-bnedmin u li din għandha tiġi offerta liż-żgħażagħ bħala sfida qaddisa. F'Għawdex tkellem, imbagħad, fuq il-ħtieġa tal-ħajja ta' talb u l-ħajja spiritwali li jistgħu iqanqlu "l-aptit" (ix-xewqa) fiż-żgħażagħ biex huma jsegwu s-sejħa tagħhom.

Il-Papa ma setax jonqos li jiltaqa' mal-missjunarji u l-familjari tagħhom ġewwa l-Mellieħa u kellu wkoll laqgħa ekumenika fil Kattidral tal-Imdina.

## ĠWANNI PAWLU II U L-BEATI MALTIN

Imbagħad dan kollu ssiġillah fit-tieni żjara tiegħu li seħħet f'Mejju 2001 bħala parti mill-pellegrinaġġ ta' sitt ijiem li għamel fuq il-passi ta' San Pawl li ħadu fil-Grerċja, fis-Sirja u f'Malta (8-9 ta' Mejju). U hawn Malta kellna x-xorti li nisimgħu minn fommu stess nhar id-9 ta' Mejju jiddikjara l-ewwel tliet Beati Maltin: Dun Ġorġ Preca, il-kjeriku Nazju Falzon u Sr Adeodata Pisani OSB. Kien fatt storiku tassew. Kien parti mill-programm tal-Papa fiż-żjajjar tiegħu li meta kien possibbli jiddikjara qaddisin jew beati xi nsara mill-post li kien qed iżur biex dawn joffrihomlhom bħala mudelli tal-qdusija li għaliha aħna msejħin bis-saħħa tal-magħmudija. Fl-Ittra Apostolika Novo Millennio Ineunte huwa stqarr:

**"Kif fisser tajjeb il-Konċilju nnifsu, dan l-ideal ta' perfezzjoni ma għandniex nifhmuh ħażin, bħallikieku kien xi ħaġa mhux tas-soltu li jistgħu jilħquha biss ftit "eroj mhux komuni" tal-qdusija. It-toroq tal-qdusija jvarjaw skont is-sejħa ta' kull individwu. Irrid inrodd ħajr lill-Mulej li fis-snin li għaddew tani l-grazzja li niddikjara beati u qaddisin numru kbir ta' nsara u fosthom ħafna lajċi li kisbu l-qdusija fiċ-ċirkustanzi l-aktar ordinarji tal-ħajja"** (par 31:3).

Id-diskors li l-Papa għamel dakinhar stess wara nofsinhar fid-Dar Ċentrali tal-MUSEUM fil-Blata l-Bajda dwar is-sejħa għall-apostolat u l-evanġelizzazzjoni kien il-quċċata taż-żjara kollha tiegħu fostna dakinhar. Għax kif intqal, dak kollu li qal u wettaq Ġwanni Pawlu II fis-26 sena bħala Ragħaj Suprem tal-poplu nisrani kien biex juri fil-konkret x'kienet tfisser għalih u x'għandha tfisser għal kull nisrani l-evanġelizzazzjoni ġdida b'mod konkret. Ma rridux ninsew li kien huwa stess li ħoloq din il-frażi evanġelizzazzjoni ġdida fid-diskors li kien għamel lill-Isqfijiet tal-Amerka Latina miġburin fil-Konferenza CELAM nhar id-9 ta' Marzu 1983. Minn dakinhar huwa baqa' jiżviluppah fid-dokumenti li ħareġ wara, fosthom Christifideles Laici (1988 u Redemptoris Missio (1990) Imma dak li huwa kiteb kien qiegħed jurih fil-prattika u fil-ħajja tal-Knisja u l-mod kif huwa stess kien qed jeżerċita l-ministeru







afdat f'idejh. Huwa kien qed juri li fi tmiem it-tieni millennju u d-dħul tat-tielet, l-evanġelizzazzjoni kien jeħtieġ li tkun ġdida fil-kontenut, fil-mezzi, fil-persuni u l-modi konkreti kollha possibbli u immaġinabbli tal-era kontemporanja basta jixxandar Kristu (Fil 1:19). Isaħħu dan kollu l-vjaġġi, iż-żjajjar, id-diskorsi u l-kitbiet kollha tiegħu tul is-26 sena kollha bħala Papa.

## ĠWANNI PAWLU II FID-DAR TA' MISSIERU

l-Papa Ġwanni Pawlu II wera t-triq biex imbagħad is-suċċessur tiegħu, il-Q.T. Benedittu XVI, seta jfassal id-Digriet li bih waqqaf il-Kunsill Pontifiċju għall-Promozzjoni tal-Evanġelizzazzjoni Ġdida nhar il-21 ta' Settembru 2010 u ta l-linji gwida li fuqha dan il-Kunsill għandu jaħdem.

Il-Papa Ġwanni Pawlu issa huwa mgħarraf Beatu! Lilu xejn mhu se jiżdiedlu. Qed igawdi lil Alla li tant ħabb f'ħajtu sal-aħħar nifs u li lilu kien "jara" u "jikkontempla" f'ħidmietu u fil-qadi kollu tiegħu. U llum, aktar minn qatt qabel, nitolbuh jidħol għalina anki bħala Poplu Malti u Għawdxi, biex il-kelma li wasslilna u l-eżempju li wriena, anki meta kien fostna, ikunu ta' għajnuna għalina biex bħala Maltin u Għawdxin nagħarfu dejjem aktar is-sejħa tagħna nisranija; hekk inkunu mezz biex inwasslu l-valuri tal-Evanġelju lil kulħadd. Hekk ukoll aħna nagħtu sehemna anki jekk żgħir għal din l-evanġelizzazzjoni ġdida li tagħha l-Beatu Ġwanni Pawlu II kien il-promotur u l-mudell. •





# IL-BOLOL TA' MALTA (26)

## MILIED 1985




It-tliet bolol ta' dan is-sett li ħareġ fl-10 t'Ottubru 1985 ġew iddisinjati mill-iskultur Ġanni Bonnici li mmudella wkoll ir-riliev magħmul mill-fuħħar. Il-bolla taż-2ċ+1ċ turi s-slaten maġi mexjin wara l-kewkba bir-rigali f'idejhom. Dik tat-8ċ+2ċ turi lil Ommna Marija b'Ġesù f'dirgħajha, li skont l-Iskrittura dehret tixgħel bħax-xemx b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha hi u żżomm lil Binha. Il-bolla tal-20ċ+3ċ turina silta minn San Luqa b'numru kbir ta' Anġli jfaħħru 'l Alla fil-Ġenna.

## BASTIMENTI MALTIN




Fuq disinn ta' Norbert Attard, il-posta fis-27 ta' Novembru 1985 ħarġet it-tielet sett ta' bastimenti Maltin. Il-bolla tat-3ċ turi l-vapur tar-roti Scotia ta' 300 tunnellata gross li nxtara mill-Anglo-Maltese Steam Navigation Company fl-1844. Dan kellu isem ħażin għax malajr kien jispiċċalu l-faħam u kellu jiddependi mill-qlugħ. 40 sena wara, il-kummerċjanti Maltin bdew jibnu dawn il-bastimenti huma. Fl-1882 B. Tagliaferro & Sons ħadu f'idejhom it-Tagliaferro (bolla tas-7ċ) vapur kbir ta' 1500 tunnellata gross. O. F. Gollcher & Sons ukoll bdew jibnu żewġ vapuri oħra. Il-Gleneagles (bolla tal-15ċ) beda jivvjaġġa bil-passiġġieri u l posta bejn Malta u Għawdex fl 1885 u s-sena ta' wara L'Isle Adam (bolla tat-23ċ) beda jġorr il-passiġġieri u t-tagħbija bejn Malta u portijiet oħra fil-Mediterran.

## SENA INTERNAZZJONALI TAL-PAĊI

L-Assemblea Ġenerali tal-Għus Magħquda ddikjarat is-sena 1986 bħala s-Sena Internazzjonali tal-Paċi. Biex tfakkar dan l-avveniment il-posta ħarġet sett




bolol fuq disinni ta' Anthony Agius u Tony Bugeja fit-28 ta' Jannar 1986. Il-bolla tat-8ċ turi lil San Franġisk t'Assisi u l-Laboratorju tal-Paċi Ġwanni XXIII filwaqt li dawk tal-11ċ u tas-27ċ juru simboli ta' għaqda fost in-nazzjonijiet u paċi bejn nies ta' razez u kulturi differenti.

## EWROPA




It-tema għal din is-sena kienet Ħarsien tan-Natura u l-Ambjent, kif juru ż-żewġ bolol li ħarġu fit-3 ta' April 1986 fuq disinn ta' Maurice Tanti Burlò. Il-bolla tat-8ċ turi tlieta mill-friefet l-iktar komuni li jfaqqsu f'Malta huma u jieklu minn fuq globu aħdar li jirrappreżenta l-flora naturali ta' pajjiżna. Il-bolla l-oħra tal-35ċ turi d-dinja, l-arja, in-nar u l-ilma jgħixu flimkien fl-ambjent tagħna. L-influwenza tal-bniedem tidher fid-disinn Neolitiku mnaqqax fuq il-gżira ta' Filfla. •

***Jekk trid tirċievi 50 bolla differenti ta' Malta jew 100 bolla differenti ta' barra minn Malta, ibgħat 8 bolol ġodda tad-€0.19 fl-indirizz ta' hawn taħt.***

## KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

**X'jirrappreżentaw iż-żewġ globi li hemm fi tnejn mill-bolol ta' din id-darba?**

Il-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-MaltaPost p.l.c. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni **Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SGN 1370.**

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' Frar huma:**

1. **A. Psaila, Ġirasol, Triq il-Karmnu, Ħaż-Żabbar**
2. **Carmen Borg, 36, Triq Claudette Agius, Had-Dingli DGL 1384**
3. **Joseph Galea, 8, Triq l-Imħażen, Floriana.**



# ŻWIEĠ U DIVORZJU

## GĦALIEX MA JMORRUX FLIMKIEN?

Nibda bil-ħsieb ta' Lori Gordon, kittieba u konferenziera magħrufa dwar ir-Relazzjonijiet fiż-Żwieġ: L-imħabba sentiment, iż-żwieġ kuntratt, ir-relazzjoni xogħol.

Ħsieb li jiġbor iż-żewġ elementi fundamentali taż-żwieġ,

- l-ewwel, iż-żwieġ bħala esperjenza intima, privata, iżda wkoll soċjali;
- it-tieni, ir-relazzjoni fiż-żwieġ trid taħdem għaliha kuljum.

M'hemmx istituzzjoni li tolqot daqshekk mill-qrib 'il-bniedem u s-soċjetà daqs iż-żwieġ u l-familja li toħroġ minnu. Hu fiż-żwieġ li jissawru l-personalità tal-bniedem u l-identità tas-soċjetà fl-espressjoni kulturali, politika u reliġjuża tagħha. L-Istat, is-soċjetà ċivili u l-Knisja minn dejjem għarfu din ir-realtà speċifika taż-żwieġ u, bħala regolaturi tal-ġid kollettiv, fasslu leġislazzjoni li ssaħħaħha.

Kieku kelli nistaqsi: **"Kulħadd irid li jkollna żwieġ b'saħħtu?" It-tweġiba bla dubju kienet tkun 'iva'. Għall-mistoqsija supplimentari, "Kulħadd jaqbel mal-mod kif ikollna żwieġ b'saħħtu?"** it-tweġiba kienet tkun 'le', għallinqas għal xi wħud. Ma' dawn tal-aħħar hemm dawk li qed jipproponu l-introduzzjoni tal-liġi tad-divorzju bħala dritt ċivili u rimedju għall-żwieġ li ma jirnexxix. Ma naqbilx mal-pożizzjoni ta' dawn għal tliet raġunijiet: legali, soċjali u reliġjuża.

### 1. RAĠUNI LEGALI

Il-Liġi Civili Maltija (Cap.16) tgħid hekk: Il-Liġi tippromwovi l-unità u l-istabbiltià tal-familja (Art 2.1). Il-miżżewġin għandhom jiggarantixxu lil xulxin il-fedeltà u sapport morali u materjali (Art 2.2), magħrufa bħala 'tria bona'.

L-Att taż-Żwieġ (Cap 255): Żwieġ li jsir bejn persuni li waħda minnhom tkun marbuta biż-żwieġ ieħor li sar qabel ikun null (Art 6). L-istess Att jirrikonoxxi l-effetti ċivili ta'żwieġ kattoliku ċelebrat skond in-normi u l-formalitajiet tal-Liġi Kanonika daqslikieku kien ċelebrat skond in-normi u l-formalitajiet tal-Att taż-Zwieġ (Art 21.1).



Huwa ċar li l-liġi fl-ebda ħin ma tikkontempla provvediment ta' divorzju. Id-divorzju ma joħroġx bħala effett ċivili taż-żwieġ. Waqt li l-liġi ittendi lejn l-unità u l-indissolubiltà taż-żwieġ, id-divorzju jtendi lejn ix-xoljiment u mhux lejn it-tisħiħ taż-żwieġ. Liġi ta' divorzju tbiddel id-definizzjoni taż-żwieġ. Waqt li d-divorzju huwa kunċett tal-liġi ċivili, ma jistax jitqies bħala effett ċivili tal-liġi taż-żwieġ.

Il-leġislaturi Maltin u d-duttrina legali dejjem fehmu li l ġid tas soċjetà, kollettivament, jitlob tip ta' żwieġ stabbli u permanenti. Id-divorzju qatt ma kien kontemplat meta hemm għażla konjugali libera u konxja li għandha bħala għan il-ġid tal-partijiet, l-ogħla interess tal-ulied, u s-saħħa tas-soċjetà.

## 2. RAĠUNI SOĊJALI

Quddiem il-possibbiltà ta' liġi li tippermetti d-divorzu (b'żieda ta' Titlu ġdid u Artikoli ġodda fil-Liġi Ċivili), irridu nistaqsu:

**"Is-soċjetà se tmur għall-aħjar jew għall-agħar?" "X'jitlob il-ġid kollettiv?"** Din il-mistoqsija għadha ma ġietx riċerkata bi studji empiriċi fil-kuntest lokali għax qatt ma kellna esperjenza ta' liġi bħal din, iżda nistgħu niggwidaw ruħna minn riċerka f'pajjiżi oħra bħal l-Irlanda, l-Italja, l-Ingilterra, il-Kanada u l-Awstralja (1). Fost l-oħrajn, ir-riċerka turi li flimkien mal-liġi tad-divorzju (a) ir-rata ta'żwiġijiet naqset kull 1000 persuna matul iż-żmien; u (b) minħabba dan it-tnaqqis żdiedet il-koabitazzjoni. Is-sens ta' solidarjetà, li kulturalment jiddistingwina minn popli oħra, jista' jiddgħajjef meta jinfirex fuq aktar minn familja waħda.

Hemm imbagħad raġunijiet ekonomiċi li mhux dejjem qegħdin nagħtu kashom biżżejjed: żieda fl-inċidenza tal-faqar għall-parti vulnerabbli, it-telf ta' inċentivi finanzjarji għall-familja bħala 'household', dħul finanzjarju li normalment ikun biżżejjed għall-familja waħda ma jibqax aktar sostenibbli għal aktar minn familja waħda, spejjes ta' applikazzjonijiet, proċeduri u servizzi legali. Effetti finanzjarji u ekonomiċi bħal dawn joħolqu problema għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-'welfare' tal-pajjiż.

## 3. RAĠUNIJIET RELIĠJUŻI

Dawn huma mibnija fuq mudell ta'żwieġ kif iridu Alla, kif ipperfezzjonah Ġesù, u kif jidher fit-tagħlim tal-Knisja Kattolika. Nieħdu xi eżempji:

**Hosea 2: 21-24**
*"Għal dejjem ingħarrsek miegħi;*
*Ingħarrsek miegħi fis-sewwa u l-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena*
*B'rabta fidila jien ngħarrsek miegħi*
*U int tagħraf lill-Mulej."*

**Mattew 19:3-9**
*". . . Minħabba f'hekk raġel iħalli li 'l missieru u 'l ommu, u jingħaqad ma' martu, u t-tnejn isiru ġisem wieħed . . . Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem."*

**Tagħlim tal-Knisja**
*". . . Għalhekk, il-miżżewġin insara huma msaħħin u bħal ikkonsagrati b'sagrament speċjali għad-dmirijiet d-dinjità tal-istat tagħhom"* (Gaudium et Spes, n.48).

*"L-għaqda intima tal-ħajja u tal-imħabba bejn il-miżżewġin, imwaqqfa minn Alla fil-ħolqien u regolata b'liġijiet proprji, imwaqqfa fuq il-patt taż-żwieġ, jiġifieri fuq il-kunsens personali u irrevokabbli . . . għall ġid komuni tal-miżżewġin u tal-ulied, kemm tas-soċjetà, din ir-rabta qaddisa ma tiddependix mir-rieda tal-bnedmin. . ."* (Gaudium et Spes, n.48).

*". . . L-għaqda tal-miżżewġin bejniethom ma tinħall qatt, u li huma jingħataw lil xulxin bil-fedeltà kollha kemm huma"* (Familiaris Consortio, n.13).

**Liġi Kanonika**
*"Iż-żwieġ hu patt bejn raġel u mara li bejniethom jistabbilixxu sħubija ta' ħajja. Min-natura tiegħu, dan il-patt hu orjentat lejn il-ġid tal-koppja u lejn il-prokreazzjoni u l-edukazzjoi tal-ulied"* (c.1055).

*"Il-patt taż-żwieġ huwa patt speċifiku għax huwa mibni fuq il-kunsens tal-partijiet li huma kapaċi skond il-liġi"* (c. 1057.1).

*"Dan il-patt hu essenzjalment ikkwalifikat bl-elementi tal-unità u l-indissolubiltà"* (c. 1056)

Dan it-tagħlim huwa, skond l-aħħar Ittra Pastorali tal-Konferenza Episkopali Maltija (Randan 2011), "Il-Loġika ta' Alla, il-Loġika ta' Kristu". Hi l-loġika prinċipalment ta' min għażel liberament żwieġ nisrani kattoliku u ta' min jemmen f'dan iż-żwieġ, iżda mhux biss. Nirrikonoxxu li mhix loġika sekulari jew ċivili, iżda lanqas mhi rrazzjonali għaliex taqbel mal-Liġi Naturali, u għalhekk tapplika għall-bnedmin kollha. Nammettu wkoll li l-loġika ta' min ikun għaddej minn sitwazzjonijiet matrimonjali diffiċli faċilment tkun loġika differenti li tista' tidher li toffri rimedju legali għall-problema. Iżda fid-dawl tal-effetti ta' liġi ta' divorzju fuq il-ġid kollettiv tas-soċjetà, jiġifieri, meta tikkonsidra s-sitwazzjoni preżenti f'Malta tar-rata għolja taż-żwiġijiet, tar-rata relattivament baxxa ta' koabitazzjoni, u l-għadd tal-ulied barra miż-żwieġ, hemm bażi biżżejjed biex tikkonkludi li liġi ta' divorzju mhix l-aħjar rimedju għall-problemi matrimonjali, u għaldaqstant mhemmx il-ħtieġa ta' liġi bħal din f'pajjiżna. Dan biex ma nsemmux l-argumenti mibnija fuq raġunijiet legali, soċjali u reliġjużi, kif fissirna.




Mas-suġġerimenti tal-Isqfijiet Maltin biex insaħħu ż-żwieġ u tinfetaħ it-triq għar-rikonċiljazzjoni, wieħed jista' jikkonsidra, fost l-oħrajn, li l-koppja:

1. iżżomm intimità li hi aktar minn relazzjoni sesswali. Intimità timplika għotja sħiħa tal-persuna, li tkun preżenti mingħajr inibizzjoni u aġendi personali moħbija, tfisser sens ta' 'sharing' u trasparenza. Din it-tip ta' intimità qegħda fin-natura tar-relazzjoni konjugali. u jekk tintilef tkun qed tiżvojta r-relazzjoni ta' mħabba bejn il-miżewġin.

2. Iżżomm konversazzjoni u djalogu bejnietha, waqt li tħalli spazju ta' libertà u awtonomija lil xulxin.

Kahlil Gibran f'The Prophet ixebbah il-ħajja tal-koppja mas-siġar kbar taċ-ċipress li jikbru qrib xulxin, iżda 'l bogħod biżżejjed biex iħallu lil xulxin in-nifs u l-ispazju biex jikbru.

3. Tifhem li bħala koppja fiż-żwieġ huma riżorsa pożittiva. Tifhem li għandhom potenzjal u kapaċitajiet li jistgħu jiżviluppaw għall-ġid tagħhom, tal-familja, u ta' koppji oħrajn.

4. Ikunu realistiċi. Fil-ħajja mhux kollox ward u żahar. Jiġu mumenti ta' tensjoni, differenzi u konflitt. Id-differenza ma tfissirx theddida għal xulxin jew ġlied. Id-differenza hija opportunità oħra biex naraw il-problema minn lenti oħra, minn perspettivi oħrajn. Hi opportunità biex tipproċessa d-diffikultajiet li jinqalgħu. Tipprovdi l-ħin fejn verament 'ikollok xi tgħid', fis-sens li jkollok x'tiddiskuti mal-oħrajn.

Żwieġ mibni fuq il-valuri tal-fedeltà, permanenza u relazzjonijiet ta' mħabba awtentika għandu jwassal għal dak li Anthony Giddens isejjaħ 'id-demokratizzazzjoni tal-familja' li jwassal għad-demokratizzazzjoni tal ġid kollettiv fis-soċjetà.

**Susan Linacre**, *Lifetime Marriage and Divorce Trends, Australian Bureau of Statistics, Australian Social trends, 2007.*

**Ruth Weston** – *Lixia Qu, An Update on Partnership Formation Trends: What does the 2006 Census Suggest? In Australian Institute of Family Studies, Family Relationship Quarterly, 6.*

**Wilcox Bradford** *(ed.). The State of Our Unions; Marriage in. America, 2009, Institute of American Values, University of Virginia, 2010.* •



# AĦNA NILBSU L-MASKRI

# FRANĠISKU FITTEX LI JINŻAGĦHOM



Prinjolata, kostumi, kuluri, karrijiet, eċċ. Dawn il-kliem kollha jfakkruna f'realtà waħda: il-karnival li jiġi ċċelebrat ta' kull sena fil-jumejn ta' qabel Ras ir-Randan. Jonqos kelma oħra li tispikka ħafna fil-jiem tal-karnival: il-maskra. Donnu fil-karnival wieħed jieħu gost jilbes identità ta' xi ħadd ieħor u jinħeba wara s-sura ta' xi personaġġ famuż.

Il-biża' tiegħi hu li wieħed jista' jispiċċa jgħix il-karnival is-sena kollha! Jekk inkunu sinċiera magħna nfusna nindunaw li **aħna wkoll nilbsu maskri:**

- quddiem Alla;
- quddiem xulxin; u
- saħansitra magħna nfusna.

Tal-għaġeb kif għandna l-kapaċità ninħbew anki minna nfusna u nibqgħu ma naffaċċjaw qatt il-verità ta' ġo fina. Fi programm televiżiv li kien jintwera snin ilu, Aħn'aħna jew m'aħniex, kienet titkanta kanzunetta li l-kliem tagħha weħel ma' moħħi. It-titlu tal-kanzunetta kien 'Maskri, maskri' u l-kliem kien jgħid xi ħaġa hekk:

*Maskri, maskri, hemm bżonn tilbes,*
*tibdel waħda ma' kull riħ,*
*biex takkwista trid tinghoġob*
*dejjem lest tidher sabiħ.*

*Għax fil-ħajja trid tirreċta,*
*trid tilgħabha tassew fin.*
*Trid tadatta ċ-ċirkustanzi,*
*tagħraf toħloq tijatrin.*

Mhux ta' min jimxi fuq is-suġġerimenti li tagħtina din il-kanzunetta. Imma din it-taqbila tikxfilna l-mod kif kultant nirraġunaw u tagħtina ħjiel ta' dak li fil-fatt jiġri fir-realtà.

L-Iskrittura Mqaddsa tikkunslana xi ftit għax tippreżentalna għadd ta' persuni li xiddew maskri. Per eżempju,

- Kajjin, wara li qatel lil ħuh Abel, **ipprova jilbes maskra ta' innoċenti** quddiem Alla (Ġen 4:9). Bħallikieku seta' jidħaq b'Alla li "jagħraf dak li hemm moħbi fil-bniedem" (1 Kor 2:10)!
- Biex takkwista s-sigriet ta' saħħet Sansun, Dalila lagħbitu, żegħlet bih, **libset maskra ta' maħbuba** sa ma stqarrilha s-sewwa kollu, jiġifieri li "jekk nitqarweż, tmur minni l-qawwa tiegħi, insir bla saħħa u nkun bħal wieħed mill-bnedmin l-oħra" (Imħ 16:17).
- Fit-Testment il-Ġdid insibu mbagħad il-Fariżew ipokrita li **kien ixidd maskra fuq qalbu** biex ma jilmaħx id-dnub li hemm jgħammar ġewwa fih u hekk jibqa' maqbut f'idea għolja tiegħu nnifsu u fl-illużjoni li hu ġust u perfett (Lq 18:9-14).

**Il-mixja wara Kristu titlob minna li ninżgħu l-maskri u nkunu fil-verità ma' Alla, mal-oħrajn u magħna nfusna.** Meta nibdew dan il-proċess, nibdew induqu xi ftit il-ħelsien ta' wlied Alla, għax kif qalilna l-Imgħallem Divin: "Il-verità teħliskom" (Ġw 8:32). San Franġisk t'Assisi kien familjari ħafna ma' dan il proċess iebes, imma li jaħji (jiġifieri, li jagħti l-ħajja). Fil-bidu tal-konverżjoni tiegħu kien jitwarrab f'xi għar barra mill-belt ta' Assisi u hemmhekk jidħol daħla fih innifsu. Meta jikkummenta dwar din il-fażi fil-ħajja ta' San Franġisk, Patri Murray Bodo OFM jindikalna l-uġigħ ta' dan il-proċess ta' għarfien meta jgħid, "għall-ewwel, din it-tfittxija ġo qalbu kienet ħarsa lejh innifsu li tweġġgħu u tbeżżgħu, ħarsa lejn id-dgħjufija tiegħu u lejn dnubietu; il-mixja kienet bħal għodsa 'l isfel li ġiegħlitu jħossu qed jegħreq f'għadira mmensa u bla qiegħ" (Franġisku. Il-Mixja u l-Holma, 16). Hekk Franġisku beda jagħraf u jipperswadi ruħu minn din il-verità kbira dwaru nnifsu u dwar kull bniedem ieħor: il-fatt li kien midneb. 'Il quddiem jasal biex jiddikjara b'ċertezza ferma li "nistgħu nkunu nafu fiż-żgur li xejn mhu tagħna ħlief il-vizzji u d-dnubiet" (Regula Mhux Bullata, Kap XVII). Meta ġie mistoqsi minn Fra Masseo għalfejn in-nies kollha kienet tiġri warajh, Franġisku wieġeb bla tlaqliq li r-raġuni kienet għax Alla ma setax isib persuna iktar dgħajfa u midinba minnu. Franġisku kien persważ mix-xejn tiegħu nnifsu u darba ddefinixxa lilu nnifsu bħala "dudu l-aktar vili u qaddej li ma jiswa għal xejn" (Fjuretti ta' San Franġisk, 1653).

Iżda l-proċess ma waqafx hawn. Il-ħarsa ta' Franġisku bdiet, ftit ftit, tinqala' minn fuqu nnifsu għal fuq Alla. Infatti, fir-rakkont tiegħu dwar l-esperjenza ta' Franġisku fl-għar, Bodo ikompli billi jgħid, "matul is-sigħat ta' agunija li kien jgħaddi fil-għar, Franġisku beda jisma' leħen fih innifsu, leħen ġej mill-qiegħnett, aktar ċar, ... aktar ma kien jitlob u jirrikorri għand Alla biex inebbħu x'għandu jagħmel, aktar kien jogħdos fil-fond lejn xi qawwa ġewwinija li kienet tagħtih saħħa u paċi ... hemm fil-fond tal-għar, Alla kellmu bil-mod u kebbislu qalbu bl-imħabba. Wara imbagħad seta' jerġa' jitla' fil-wiċċ, imġedded u mimli bil-kuraġġ" (Franġisku. Il-Mixja u l-Holma, 16-17). **Persważ miċ-ċokon tiegħu nnifsu, Franġisku beda jilmaħ il-kobor u l-maestà ta' Alla, hekk li kien iħobb isejjaħlu "l-Aktar Għoli u Glorjuż"** (Talba Quddiem il-Kurċifiss ta' San Damjan, vers 1). Il-laqgħa sinċiera miegħu nnifsu ssarfet f'għarfien iktar veru ta' Alla li ħalqu. Infatti, dawn iż-żewġ veritajiet jimxu flimkien, qishom iż-żewġ faċċati tal-istess munita. Meta tagħarf ix-xejn tiegħek, tinduna li Alla huwa kollox. Iktar ma tagħraf kemm Alla hu Kbir, Qaddis, "l-Aktar Għoli", iktar tikkonvinċi ruħek li inti rmied.

Fis-skiet tat-talb, ejjew nirriflettu u nistaqsu lilna nfusna b'sinċerità:

- X'maskri qiegħed nilbes bħalissa ma' Alla, mal-oħrajn u miegħi nnifsi?
- Nemmen li nista' ninħeles biss jekk, bħal San Franġisk, ninża' dawn il-maskri u nkun iktar fil-verità ma' Alla, mal-oħrajn u miegħi nnifsi?
- Kemm għaraft profondament iż-żewġ veritajiet kbar li San Franġisk għarafhom tajjeb: jiġifieri, iċ-ċokon tiegħi nnifsi u l-kobor bla qjies ta' Alla? •



# L-GĦODDA TAX-XITAN 2

F'dan l-artiklu se nkomplu nagħmlu l-lista ta' dawk l-affarijiet li x-xitan innifsu stqarr li jogħġbuh ħafna waqt eżorċismu li wieħed saċerdot kien qed jagħmel:



- **L-ilbies qasir li bih naqbad irġiel u nisa** u bihom nimla' s-saltna tiegħi (hawn ix-xitan daħaq daħqa fit-tul u jgħajjat); kemm jien kuntent ... ferħan ... kuntent...

  **HSIEB:** *Hawn naraw l-image li kulħadd ifissat fuqha. Kif nidher! Id-dinja tagħti ħafna każ tal-qoxra filwaqt li ninsew kif nidhru quddiem Alla. Ħafna nies tant għexu fuq barra li minn ġewwa spiċċaw.*

- **It-television ... o t-television** ... huwa strument tiegħi, jien ivvintajtu biex neqred l-erwieħ u l-familji ... nifridhom, inferrixhom bil-programmi tiegħi fini ħafna u li jinfdu fil-fond ... o t-television hu ċ-ċentru tal-attenzjoni li lejh niġbed ħafna qassisin, reliġjużi rġiel u nisa, speċjalment fis-sigħat ta' wara nofsillejl u mbagħad inġegħelhom ma jitolbux aktar. F'mument wieħed nippreżenta ruħi lid-dinja kollha ... jisimgħuni u jarawni kollha ... jgħinuni tajjeb ħafna l-qaddejja fidili tiegħi, is-sħaħar, dawk li jaqraw ix-xorti, dawk li jaqraw l-idejn, l-astroloġi.

  **HSIEB:** *Fil-Griżma sirna suldati ta' Ġesù Kristu u dan biex niġġieldu din il-battalja. Hemm gwerra kbira għaddejja. Is-suldati, permezz tal-media, deħlin ġo djarna u qed jaħarqu, jeqirdu, jkissru u donnu mhu jiġri xejn! Min ma jiġġieledx jinqatel. It-tv qed jinduttrinalek l-uliedek b'ċerti programmi li flok jibnu l-valuri, ikissruhom.*

- **Id-discos ... xi ġmiel!** ... huma l-palazzi tad-deheb tiegħi fejn niġbed l-aħjar tamiet tas-soċjetà (iż-żgħażagħ) u nagħmilhom tiegħi, neqridilhom ruħhom u ġisimhom ... kemm eluf fuq eluf inġarru bl-alkoħol, id-drogi, is-sess ... o xi ħsad kontinwu ... krejthom lil tant politiċi qaddejja fidili tiegħi u lill-ikkonsagrati ... jien il-veru re tad-dinja u mhux 'l Alla tagħhom li jien sallabt.

  **HSIEB:** *Qed ngħixu f'soċjetà li tħobb il-kumditā u l-lussu. 'Min ma jerfax salibu ... ma jistax ikun dixxiplu tiegħi', qal Ġesù. Mhux il-kumditā! Aħna egoċentriċi, moħħna fina nfusna, saħansitra waqt quddiesa ngħidu 'għax ħadt pjaċir' jew 'iddejjaqt'. Infittxu lilna nfusna u mhux li nagħtu gost lil Alla.*

- **Id-divorzju u s-separazzjoni tal-miżżewġin** – ivvintajthom jien. Inżomm li huma tiegħi ... hija waħda mis-sejbiet tiegħi fost l-aktar intelligenti ... b'dan il-mod neqred il-familja u neqred is-soċjetà, fejn iqimuni bħala r-re vera tad-dinja ... Is-sess ... Tisimgħux minn dak ir-raġel imsallab li xejn ma jagħtikom ... il-veru pjaċir nagħtihulkom biss jien permezz tas-sess liberu ... fuq kollox saltnati hi l-libertà tal-pjaċir sesswali li bh insaltan fuq id-dinja.

  **HSIEB:** *Xi tfisser libertà? Irrid nagħmel li rrid mingħajr konsegwenzi. Irrid nixrob u ma jkollix konsegwenzi. Il-bniedem għaqli huwa dak li jħares lejn il-konsegwenzi u mbagħad jiddeċiedi. Il-bniedem iblah hu dak li jaġixxi mingħajr ma jaħseb fuq il-konsegwenzi: I want it all and I want it now!*

- **L-abort**... il-qtil tal-innoċenti. Kienet sejba mill-isbaħ u mill-aktar gustuża li qatt għamilt! Il-qtil tal-innoċenti flok tal-ħatja u tal-qattiela tal-mafja! Neqred l-umanità u b'dan il-mod jintemmu qabel ma jitwieldu l-adoraturi ta' 'l Alla falz tagħhom.

- **Id-droga**... hija l-ikel bl-aħjar togħma li nitma' liż-żgħażagħ biex inġenninhom ... u b'hekk nagħmel bihom li rrid: ... ħallelin, qattiela, żienja, feroċi bħali, ħakkiema tad-dinja ... ministri tiegħi. ●



# ĦARSITNA LEJN OMMNA MARIJA



Ix-xahar ta' Mejju jġib miegħu ċertu tibil. Qegħdin fl-aqwa ta' staġun ġdid tar-Rebbiegħa, fejn in-natura tieħu l-ħajja, 'Għalkemm April jagħmel il-ħidma, Mejju jieħu l-unuri'.

Għaliex f'dan ix-xahar kull fjura twarrad, ikollna fjuri ta' kull lewn, siġar li jagħtu l-frott. Is-sbuħija tan-natura tkun fl-aqwa tagħha. Dan il-ġmiel iġagħlek tħares 'il fuq u tirrealizza kemm hu kbir il-ħallieq. Jekk dan it-tiġdid kollu huwa tajjeb għall-ħajja materjali tagħna, huwa żmien opportun li niġġeddu fil-ħajja spiritwali tagħna. Billi ndawru l-ħarsa tagħna lejn Ommna tas-sema, Marija Santissima, li proprju dan ix-xahar huwa ddedikat għaliha.

Ommna tas-sema tagħmlilna l-kuraġġ biex f'nofs id-diffikultajiet tagħna aħna nduru lejha u nfittxu s-support tagħha. Xejn ma għandu jbeżżgħana jew iweġġagħna. M'għandniex għalfejn inħallu d-dwejjaq ifixklilna qalbna la jkollna lill-Ommna tipproteġġina. Hi l-għajn tal-ferħ tagħna. Meta t-taqbid u d-diffikultajiet tagħna jibqgħu diffiċli, għalina li ma nkunux nistgħu nissaportuh, għaliex inserrħu biss fuq il-mezzi tagħna u nfittxu l-għajnuna minn ta' madwarna u ma ndawrux il-ħarsa tagħna 'l fuq u nħalluhom f'dirgħajn ta' Ommna Marija tas-sema, fejn hemm nistgħu nsibu l-ferħ u s-sigurtà, li fir-realtà huma t'Alla nnifsu.

Tajjeb li f'dan ix-xahar iddedikat lil Ommna Marija Santissima neżerċitaw it-talba tar-rużarju li hi xtaqet li nsellmulha biha u għalhekk hija tant speċjali. Fil-ħajja ta' llum naqset id-drawwa li l-familja tinġabar madwar lis-statwa tal-Madonna biex tingħad din it-talba. Kieku mqar tingħad posta waħda sakemm ġenitur ikun qed iwasal lit-tfal għall-iskola jew bħala talba tal-għeluq tal-jum inkunu ta' eżempju.

Ommna tas-Sema kienet eżemplari meta wieġbet għas-sejħa li għamilha l-Mulej bil-kliem, **"Ikun minni skont kemtek"**.

- Fil-ħajja tagħna ta' kuljum kemm qegħdin nimxu fuq dawn il-passi u nwieġbu bl-istess mod?
- Ir-rieda t'Alla qegħdin inħalluha sseħħ bla ma nkunu ta' tfixkil għalina nfusna billi niżvijaw mill-pjan li hu ħejja għalina?
- Għandna nagħmlu kull sforz biex kull sitwazzjoni li nistgħu niġu wiċċ imb'wiċċ magħha nilqgħuha bl-istess mod kif għamlet Marija?

Il-Mulej dejjem ikun lest biex jagħtina l-għajnuna meħtieġa fejn aħna ma naslux weħidna. •

# MULEJ XI TRIDNI NAGĦMEL?

## L-GĦAJNUNA TAD-DIRETTUR SPRITWALI



Waqt żjara li Patri Kapuċċin għamel lil Padre Pio, staqsieh: **"Jista' wieħed jgħaddi mingħajr direttur spiritwali?"**. Hu rrisponda li jista' jkun biżżejjed il-konfessur u meta dan ma jkunx jista' jifhem ċerti sitwazzjonijiet tal-ispirtu, ikollu jintelaq f'idejn il-Mulej. Iżda żied jgħid: **"Meta wieħed ma jkollux direttur spiritwali, ikun qisu student li qed jistudja waħdu: ma' għalliem jasal qabel u aħjar!"**

**"U inti għandek direttur spiritwali?"**

**"Iva, kelli lil Patri Benedittu, iżda meta neħħewhuli, bqajt bil-konfessur biss."**

Hi ħaġa tassew sorprendenti li qaddis kbir bħal San Piju minn Pietrelcina, li kien jaqra fil-fond tal-erwieħ qisu qed jara ktieb, kellu bżonn ta' direttur spiritwali – anzi kellu tnejn! Biex wieħed jifhem verament min kien Padre Pio ma jistax ma jaqrax il-korridspondenza bejnu u ż-żewġ diretturi tiegħu.

Wara s-sejħa straordinarja, personali u hekk diretta li rċieva San Pawl, Alla ħaseb biex ilaqqgħu ma' Anania biex jerġa' jieħu d-dawl t'għajnejh, u **"għal ftit jiem qagħad mad-dixxipli f'Damasku"** (Atti 9:19b). Min din il-ġrajja nifhmu kif Alla ried li Pawlu jitħarreġ fil-fidi mid-dixxipli u li flimkien magħhom jagħraf x'ried Alla minnu. Kienet ukoll il-konferma li dak kollu li ġara kien ġej minn Alla.

Anki Madre Tereża ta' Kalkutta, minkejja li kienet ċertissima mis-sejħa li rċeviet biex tiddedika ħajjitha għall-ifqar fost il-fqar u twaqqaf kongregazzjoni ġdida, ħasset il bżonn li tfittex direttur spiritwali biex, flimkien miegħu, tiddixxerni x'kienet ir-rieda t'Alla. Dan kien il-Ġiżwita Patri Celeste Van Exem, li għall-bidu ma xtaqx jidħol f'dan ir-rwol. Ħeġġeġ lil Madre Teresa biex tistenna u tittestja jekk din is-sejħa kinitx ġejja verament minn Alla. Wara sena sħiħa ta' talb u dixxerniment, dan kien konvint mis-sejħa tagħha, u kien ta'



għajnuna kbira biex tegħleb diffikultajiet kbar u tilħaq dan il-għan.

Il-Knisja, sa mill-qedem, tqis ir-rwol tad-direttur spiritwali bħala wieħed ta' importanza kbira, hekk li f'kull seminarju għandu jinħatar direttur spiritwali, u s-seminaristi kollha għandhom l-obbligu li jirrikorru għand direttur spirtiwali. Qabel ma jieħdu l-voti, ir-reliġjużi kollha jagħmlu sena novizzjat, fejn ir-rwol ewlieni tal-mastru tan-novizzi huwa dak tad-direzzjoni spiritwali.

Meta naqraw il-ħajjiet tal-ewwel qaddisin li għexu ta' eremiti fid-deżert, u li taw forma għall-ewwel ħajja reliġjuża, insibu li meta xi żagħżugħ kien iħossu msejjaħ għal din il-ħajja, kien l-ewwel ifittex eremita anżjan ta' esperjenza u ta' fama li kellu d-don li jmexxi 'l ħaddieħor f'ħajja hekk diffiċli. Il-Missirijiet tad-deżert kienu jħobbu jgħidu li

x-xitan isibha ħafna aktar faċli jqarraq wieħed waħdu, aktar meta dan ikun fil-bidu, milli meta jkun qed ifittex ir-rieda t'Alla ma' xi ħaddieħor.

## DWAR L-GĦAŻLA TAD-DIRETTUR SPIRITWALI

Santa Tereża ta' Ġesù (t'Avila) kienet tgħid li tippreferi diretturi ta' ħajja qaddisa, iżda li jkunu wkoll mħarrġin sew, għaliex id-diretturi ta' ftit tagħlim dejjem kienu ta' xkiel għaliha. Interessanti ninnutaw li għalkemm hija stess kienet direttriċi spiritwali tajba ħafna u mogħnija b'dixxerniment mhux komuni, tant li hija Duttur tal-Knisja, xorta kienet tħoss il-bżonn li tirrikorri għad-direzzjoni ta' ħaddieħor. Waqt li l-għażla tal-konfessur mhix daqshekk importanti, dik tad-direttur spiritwali hija importanti ħafna. San Gwann tas-Salib jgħidilna li aħjar ikollok konfessur biss milli jkollok direttur spiritwali li ma jkunx jaf iwasslek aktar qrib t'Alla. Ikun bħal wieħed agħma qed jipprova jmexxi agħma ieħor: it-tnejn jaqgħu fil-ħofra! (Lq 6:39)

Kwalità importanti ħafna ta' kull direttur spiritwali, hi li jkun fidil lejn it-tagħlim tal-Knisja. Ma jistax ikun li wieħed waħdu jew grupp jippretendi li jkollu dawl aktar minn dak li l-Ispirtu s-Santu jagħti lill-Knisja kollha! Ħafna jagħmlu l-iżball li meta jiġu biex jagħżlu direttur spiritwali, ifittxu lil xi ħadd li jaħsibha bħalhom, jew lil dawk li dejjem japprovawhom f'kollox, u jekk dan ma jagħmlux, tarahom mill-ewwel ifittxu 'l xi ħaddieħor. Biex direttur jgħinek tiskopri xi tkun verament ir-rieda t'Alla, dejjem għandu jagħti prova, jitlob u jistenna, kif rajna fil-kas tal-Beata Madre Tereża. Oħrajn lid-direttur jgħidulu biss parti mill-ħajja tagħhom u jaħbulu n-nuqqasijiet, il-fallimenti u l-kontradizzjonijiet biex ma jitilfux l-istima tiegħu. Meta jsir hekk, id-direttur ma jkun jista' qatt jgħinhom isibu l-volontà t'Alla! Il-verità kultant tweġġa', u d-direttur huwa fid-dmir li jwassal għaliha bl-imħabba u s-sengħa.

Fl-aħħar insibu lil dawk li jkunu jridu jħallu d-deċiżjoni kompletament f'idejn id-direttur spiritwali. Dawn isibuha wisq diffiċli li jieħdu deċiżjoni. Id-direttur, min-naħa tiegħu, waqt li jagħti l-parir tiegħu, irid joqgħod attent li dan ma jagħmlux! Irid joqgħod attent li jirrispetta l-libertà tal-kuxjenza u ma jkunx jiġbed lill-persuna għall-warajh minflok iwassalha lejn Ġesù.

L-ewwel għan tad-direzzjoni spiritwali huwa l-għajnuna fit-talb. Il-ħajja spiritwali hija triq unika u personali ħafna għal kull persuna. Alla jitkellem permezz tal-istorja tal-ħajja tagħna u għalhekk biex id-direttur spiritwali jkun jista' jgħinek fit-triq tal-qdusija, jeħtieġ li jkun jaf sewwa l-avvenimenti prinċipali li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja spiritwali tiegħek – il-mod kif titlob, l-"istaġuni" spiritwali li għaddejt minnhom, id-diffikultajiet, id-distrazzjonijiet, id-dubiet, żmien ta' nixfa meta ma jkollokx aptit titlob jew tersaq lejn is-sagramenti, id-dubji, eċċ. Jiggwidak meta jinduna li hemm bżonn li wieħed għandu bżonn li jgħaddi minn mod kif jitlob għal ieħor, jara jekk hux qed tfittex il-ferħ t'Alla aktar milli 'l Alla tal-ferħ! Dan jiġri meta nintrabtu wisq ma' mod ta' kif nitolbu, jew xi post partikulari, jew xi oġġett sagru, jew ma' xi persuna.

Talba: ***Mulej, għinni nfittex ir-rieda tiegħek f'kull mument ta' ħajti. Agħtini fidi kbira li Inti Mħabba.*** •

REĊENSJONI

# PARIRI SPIRITWLAI TAL-BEATU PAPA ĠWANNI PAWLU II




**Cachia, Carmel C., Lumen Christi Publications, Għawdex, 2011, B.C.D. Printing, Victoria, 56 paġna, €3.**

Żgur li bħalissa isem dan il-Papa Pollakk jinsab fuq fomm kulħadd għaliex propju fl-ewwel ta' Mejju 2011 fi Pjazza San Pietru, il-Q.T. il-Papa Benedittu XVI se jiddikjarah Beatu.

Biex tfakkar dan l-avveniment importanti fil-ħajja tal-Knisja, il-Lumen Christi Publications ta' Victoria Għawdex, fis-sensiela tagħha "Spirtu u Ħajja", għadha kemm ippubblikat dan il-ktejjeb bl-isem ta' fuq u b'tagħrif fil-qosor dwar ħajtu, xogħol is-Sur Carmel C. Cachia, għalliem u Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-iskola Post Sekondarja Sir M.A. Refalo, Victoria. •

# IL-"LE" GĦAD-DIVORZJU





Ftit ilu kont post immexxi laqgħa għall-miżżewġin, u f'xi ħin waqqgħu d-diskors fuq id-divorzju. Kien hemm raġel qalli hekk: "Father, jien sa nivvota kontra d-divorzju, imma wara nibqa' sejjer inqerr, għax inkun ħallejt nies ibatu". Fhimt mill-ewwel is-sensittività ta' dan ir-raġel, u tkellimniha bil-kalma u bl-imħabba kollha. Imma hu punt ta' min jaħseb fuqu.

Jiżbalja min jaħseb li kull min jitkissirlu ż-żwieġ, jiġrilu hekk għax kapriċċuż. Hawn ħafna nies li batew ħafna biex isalvaw iż-żwieġ u ma rnexxilhomx, mhux tort tagħhom. Bħalma jiżbalja min jaħseb li kull min irid id-divorżju, speċjalment għalih innifsu, jagħmel hekk għax kapriċċuż, jew għax hu raġel ħażin jew mara ħażina. Hawn separati martri u qaddisin ħajjin.

Imma jiżbalja wkoll min jaħseb li kull min hu kontra d-divorzju, dan qed jagħmlu b'kapriċċ, pika, ras iebsa, jew nuqqas ta' sensitività lejn it-tbatija ta' koppji li ż-żwieġ tagħhom tkissrilhom, u jixtiequ jerġgħu jiżżewġu. Il-problema hi li sfortunatament m'hemmx rimedju wieħed li bih issolvi t-tbatija ta' dawn in-nies, mingħajr ma tikkawża t-tbatija ta' iktar nies, bil-ħolqien ta' mentalità divorzista, kif ġara kullimkien. Kieku dak ir-rimedju nipproponu u lilu nivvutaw, għax ma nixtiequ lil ħadd ibati.

Jiġifieri min sa jivvota LE GĦAD-DIVORZJU, ikun qed jagħmel għażla doloruża, għax jaf li sa jkun hemm min jibqa' fit-tbatija, ħafna drabi nġusta, għax ma ġabhiex hu b'idejh. Jiġifieri sa jivvota b'qalb maqsuma, l-iktar jekk għandu lil xi ħadd mill-qraba u l-ħbieb f'dawn iċ-ċirkustanzi. Iva, inkunu qed inħallu warajna nies ibatu. Imma mhux b'kapriċċ. Biex ma jbatux ħafna iżjed.

Kieku ma kienx fl-interess tal-ġid komuni, żgur li la Alla l-Missier fl-Antik Testment ma kien sa jgħid: "id-Divorżju nobogħdu"; u lanqas Ġesù fil-Ġdid Testment ma kien sa jgħid: **"dak li għaqqad Alla ma jifirdux il-bniedem."** Ma nistax nimmaġina Alla li jridna mmorru kontra l-ġid komuni, sempliċiment b'ras iebsa jew b'kapriċċ. Sinjal li d-divorzju ma jaqbilx lill-umanità u lis-soċjetà in ġenerali.

Jiġifieri min sa jgħid LE GĦAD-DIVORZJU, waqt li jbati għax sa jħalli warajh nies ibatu, veru, għandu jagħmel hekk, skond jien, b'kuxjenza kwieta, għax sa jevita t-tbatija lil ħafna iżjed nies. U kulħadd għandu jaħdem b'risq żwiġijiet b'saħħithom, għax b'hekk biss tiġi żgur evitata t-tbatija lil kulħadd. •



# "THE CUSCHIERI COLLECTION"

## IMĦOLLIJA LILL-MUŻEW U LILL-BIBLIOTEKA ĊENTRALI TAL-AĦWA KAPUĊĊINI MALTIN

Is-Sinjuri Lino u martu Josephine Cuschieri għoġbohom jagħmlu testment legali li fih ħallew *The Cuschieri Collection* lill-Aħwa Franġiskani Kapuċċini Maltin. Din il-kollezzjoni estensiva tinkludi bosta medalji kommemorattivi u muniti Maltin u Ngliżi, muniti u medalji tal-Ordni Sovran u Militari ta' San Ġwann, badges u insigna ta' riġimenti militari Ingliżi, badges tal-Korp tal-Pulizija Maltija u Ingliża, u bosta badges oħra marbuta mal-każini tal-baned lokali.

F'din il-kollezzjoni hemm ukoll numru kbir ta' kotba, xi wħud rari, u li fil-biċċa kbira tagħhom jaqgħu taħt is-sezzjoni Melitensia. Il-*Cuschieri Collection* tiġbor fiha wkoll bosta pitturi ta' artisti famużi lokali u internazzjonali, mapep, inċiżjonijiet, porċellana u għamara. F'din il-kollezzjoni hemm ukoll bosta għodda antika tal-mastrudaxxa u oġġetti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-folklor u l-istorja ta' Malta. Din il-kollezzjoni hija unika u ilha tinġabar għal dawn l-aħħar ħamsin sena. Dan kollu juri l-interess kbir li s-Sur Cuschieri u s-Sinura tiegħu għandhom lejn l-istorja, il-kultura u l-folklor ta' pajjiżna u ta' pajjiżi oħra.

Is-Sur Cuschieri twieled f'tas-Sliema u ħadem bħala librar tal-parlament u fir-Reġistru Pubbliku fejn hemmhekk huwa tellgħa 24 esibizzjoni ta' personalitajiet distinti Maltin, filwaqt li kiteb il-bijografija tagħhom. Is-Sur Cuschieri huwa membru tal-bord tal-Gvernaturi tal-Fundazzjoni Patrimonju Malti; membru tal-Akkademja tal-Malti; membru tal-Għaqda tal-Malti fl-Università ta' Malta; membru ta' Din l-Art Ħelwa; membru tal-Għaqda tal-Folklor Malti; membru tas-Soċjetà Storika ta' Malta; membru tal-*Malta Philatelic Society*; membru tal-*Gozo Philatelic Society*; membru *ad vitam* tal-*Kings Own Band*.

Is-Sur Cuschieri huwa wkoll membru profess f'bosta fratellanzi, fosthom f'dik tas-SSmm. Sagrament fil-parroċċa Matriċi ta' Stella Maris; membru fil-Fratellanza tal-Karità fil-parroċċa Kolleġġjata nsinji ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta; membru tal-Kongregazzjoni tal-Onorati mwaqqfa fl-Oratorju ta' Sidtna Marija Mtella s-Sema, tal-Ġiżwiti, fil-Belt Valletta. Is-Sinjura tiegħu Josephine Cuschieri kienet għalliema fl-iskejjel tal-Gvern. Hija u żewġha huma benefatturi u ħbieb tal-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin.

Parti minn din il-kollezzjoni prestiġjuża ġiet milqugħa minn Fr Martin Micallef OFMCap, Kuratur tal-Mużew u Bibljotekarju/Arkivista tal-Provinċja tal-Aħwa Franġiskani Kapuċċini Maltin u minn Br Publius Libreri OFMCap, Assistent Kuratur tal-Mużew tal-Provinċja. Fr Martin Micallef, f'isem l-Aħwa Kapuċċini Maltin, radd ħajr mill-qalb tal-ġenorożità li l-koppja Cuschieri wriet f'din l-għotja li se tiżdied ma' dak li diġà hemm konservat fil-Mużew u fil-Biblioteka tal-Provinċja tal-Kapuċċini Maltin. •

# IMBIERKA DAWK LI HUMA SAFJA F'QALBHOM (5)





Is-safa tal-qalb jfisser is-sbuħija u l-qdusija tal-ġisem tal-bniedem fid-dawl ta' Alla. Żewġ fatturi li jdgħajfu din is-sbuħija u l-qdusija huma l-adulterju fil-qalb u l-mistħija.

Ġesù jgħidilna: **"Smajtu xi ntqal, 'La tagħmilx adulterju.' Imma jiena ngħidilkom li kull min iħares lejn mara u jixtieqha jkun ġa għamel adulterju magħha f'qalbu"** (Mt 5:27-28). Kristu jdaħħal id-diskussjoni f'qalb il-bniedem. Il-qdusija qiegħdha f'qalb nadifa li minnha joħorġu għemejjel safja u ta' mħabba. Mela, Kristu jisħaq fuq qalb il-bniedem, fuq l-esseri ġewwieni tiegħu u jsejjaħlu biex jesperjenza u jgħix il-ħelsien tal-ġisem!

Fil-katekeżi tas-17 ta' Settembru 1980, Papa Ġwanni Pawlu II jgħallem hekk: **"Iż-żina fiha nnifisha (eżattament tħares b'żina), hija mfissra bħala 'adulterju magħmul fil-qalb ... Ngħid li ż-żina hija qerq tal-qalb umana fis-sejħa kontinwa tar-raġel u l-mara... għall-komunjoni billi jagħtu lilhom infushom lil xulxin... Iż-żina għandha l-effett ġewwieni, jiġifieri li fil-qalb ... toskura t-tifsira tal-ġisem, tal-persuna nnifisha"**. Fis-7 ta' Jannar 1981, il-Papa jfisser li **"skont il-kliem ta' Kristu, is-safa tassew (bħalma wkoll fl-impurità) fis-sens morali, tinstab u toħroġ mill-qalb tal-bniedem"**.

Nhar it-12 ta' Novembru 1980, il-Papa jikkonkludi dan il-punt billi jgħidilna: **"Jekk il-bniedem jixtieq li jwieġeb għas-sejħa, kif imfissra f'Mattew 5:27-28, jeħtieġlu jitgħallem b'perseveranza u b'konsistenza x'inhi t-tifsira tal-ġisem, tal-feminilità u l-maskulinità ... Wieħed iżid ukoll li dan id-dmir jista' jitwettaq u tassew jagħmel unur lill-bniedem"**.

Il-mistħija daħlet fid-dinja permezz tad-dnub. Billi l-bniedem warrab lil Alla ma baqax jara kollox fid-dawl u bl-imħabba ta' tiegħu. Ir-raġel u l-mara bdew iħarsu lejn xulxin mhux biss bħala persuni li għandhom ikunu maħbuba, imma wkoll bħala oġġett li jintużaw. Il-ksur fir-relazzjoni tagħhom ma' Alla kkawżat qasma fir-relazzjoni tagħhom ma' xulxin. Il-fiduċja sħiħa u kompleta tagħhom u r-rigal tagħhom infushom ġew mibdula mal-mistħija. Il-mistħija hija indikazzjoni tad-dnub. Fl-istess ħin il-mistħija hija pożittiva l-għaliex tassigura li aħna nilbsu biex nipproteġu lilna nfusna milli jarawna jew jużawna bħala oġġett.

Permezz tal-fidwa tal-ġisem ir-raġel u l-mara, bl-għajnuna ta' Alla għandhom il-ħila li jegħlbu din il-misħtija fir-relazzjonijiet tagħhom f'dik l-imħabba u s-safa li tirrifjuta li tagħmel lill-persuna l-oħra oġġett. Il-mistħija mhijiex iżjed neċessarja fejn hemm il-fiduċja u l-għaqda.

Fil-katekeżi tat-30 t'April 1980, il-Papa jgħid hekk: **"Meta l-bniedem jiddubita fil-qalba ta' qalbu fuq it-tifsira l-iktar profonda tal-għotja, jiġifieri l-imħabba bħala l-għan speċifiku tal-ħolqien u tal-patt oriġinali (ara Ġen 3:5), huwa jagħti dahru lil Alla - Mħabba, lill-Missier. B'xi mod iwarrab lil Alla 'l barra minn qalbu".**

Il-mistħija turi li l-bniedem tbiegħed mill-imħabba ta' Alla. Nhar l-4 ta' Ġunju 1980, il-Papa jgħid hekk: **"It-tielet kapitlu tal-Ġenesi ('Bżajt għax jien għeri, u nħbejt,' Ġen 3:10) turi ... li l-mistħija dehret fir-relazzjoni reċiproka tar-raġel mal-mara. Minħabba din il-mistħija, din ir-relazzjoni għaddiet minn bidla radikali... Din il-mistħija ssaħħaħ il-kapaċità oriġinali li r-raġel u l-mara jikkomunikaw bejniethom, li Ġenesi 2:25 jitkellem fuqha, u li issa ġiet imkissra. Il-bidla radikali tat-tifsira oriġinali tal-għera twassalna biex nikkonkludu li kien hemm tibdiliet negattivi fir-relazzjoni interpersonali bejn il-mara u r-raġel... Il-mistħija ... hija sintomu tal-qtugħ tal-bniedem mill-imħabba li fiha ssieħeb fil-misteru tal-ħolqien".**

Fir-riflessjoni li għamel nhar l-20 ta' Frar 1980, il-Papa Ġwanni Pawlu II qal li: **"Hija biss l-għera li tagħmel lill-mara oġġett għar-raġel, jew viċi versa. L-għera hija l-għajn tal-mistħija"**. Fit-18 ta' Ġunju 1980, il-Papa ssokta jfisser li **"din il-mistħija ħadet il-post tal-fiduċja assoluta li kienet marbta mal-istat ta' qabel tal-innoċenza oriġinali fir-relazzjoni reċiproka bejn il-mara u r-raġel".**

Il-mistħija hija aljenazzjoni mill-imħabba ta' Alla. Fil-katekeżi tal-14 ta' Mejju 1980, Papa Ġwanni Pawlu II saħaq ħafna fuq dan il-punt. **"L-għera m'għandhiex biss tifsira litterali. Ma tirreferix biss għall-ġisem. Mhijiex biss l-oriġini tal-mistħija li hija relatata mal-ġisem. Fil-fatt, permezz tal-għera, il-bniedem, imċaħħad mit-tisħib fir-rigal kif muri, ġie aljenat minn dik l-imħabba li kienet il-għajn tar-rigal oriġinali, l-għajn tal-milja tat-tajjeb li kien maħsub għal kull ħlejqa".**

Mill-qalb tal-bniedem joħorġu kemm l-adulterju u kif ukoll is-safa tal-qalb. Meta warrab lil Alla permezz tal-mistħija, il-bniedem beda jara lill-persuni l-oħra mhux biss bħala persuni li għandhom ikunu maħbuba għal dak li huma, imma wkoll bħala oġġetti li jintużaw. Bil-fiduċja u s-safa fl-imħabba tiegħu lejn il-mara jew ir-raġel il-bniedem jifdi mill-ġdid l-imħabba għax jerġa' jibda jħobb kif riedu Alla sa mill-bidu. B'hekk jitfejjaq mill-mistħija għax jibda' jħobb lill-oħrajn bħala persuni u mhux iżjed bħala oġġetti! •



# Int bis-serjetà!



Għaliex jiena? Jien ma ninqalax jaħasra! Tista' żżid elf mistoqsija oħra ma' dawn li diġà semmejt. Mistoqsijiet li b'xi mod jew ieħor kollha staqsejthom meta kont qed ninduna li l-Mulej qed isejjaħli. Sejħa li aktar ma għadda ż-żmien aktar komplejt niskopri li kienet ir-rieda ta' Alla għalija u kemm jien dejjem ippruvajt naħrab minnha.

Li wieħed iwieġeb għas-sejħa għall-ħajja reliġjuża mhix għażla faċli, iżda hija sabiħa. Warajk trid tħalli diversi affarijiet; affarijiet li jafu jkunu tajbin, iżda li l-Mulej ikun qiegħed jistiednek biex tagħtihom lilU. Trid tħalli warajk il-karriera li dejjem xtaqt li tieħu (fil-każ tiegħi kienet dik ta' pulizija), il-familija, u elf ħaġa oħra. Dan kollu jsir b'għan wieħed, li il-persuna tagħti ħajjitha kollha kemm hi lil Alla.

Għaddejt it-tfulija tiegħi fir-raħal ta' San Ġwann. Ta' età żgħira dħalt abbati fil-parroċċa flimkien ma' ħija u għalhekk bdejt il-kuntatt tiegħi mal-knisja u anki mal-Patrijiet Kapuċċini. Nista' ngħid li dejjem bqajt midħla sew tal-knisja u kont ta' spiss ngħaddi ħin twil ngħin f'dak li jkun hemm bżonn, biss ftit li xejn kont nifhem dak li verament kont nemmen fih.

Meta kelli kważi erbtax-il sena, it-tabib kien skopra li għandi bżonn nagħmel operazzjoni kemm xejn serja f'qalbi. Din l-aħbar kienet ixxukkjat ħafna nies. L-operazzjoni saret u marret tajjeb. Matul dan iż-żmien ġejt konxju ta' kemm il-ħajja hi sabiħa u kemm għandna ngawduha. Għalhekk iddeċidejt li nibda ngawdi l-ħajja kemm nista'. Ħruġ, divertiment, moda, relazzjonijiet, eċċ., insomma matul dan iż-żmien għamilt diversi affarijiet! Fuq kollox kien żmien taż-żgħożija. Sa dan it-tant xorta waħda kont għadni niffrekkwenta l-knisja u kont għadni abbati.

Kien hawn meta il-Mulej beda jidħol fin fin fil-ħajja tiegħi mingħajr ma kont qed ninduna. Matul dan iż-żmien il-Provinċja tal-Kapuċċini ta' Malta kellha l-Kapitlu tagħha u għalhekk, bħal ma jsir diversi drabi, sar xi ċaqliq fil-patrijiet. Il-Kunvent ta' San Ġwann intlaqat ukoll minn dan iċ-ċaqliq u ġew diversi patrijiet li jien qatt ma kont rajt. Fi ftit taż-żmien, bla intenzjoni, sirt ħabib ma' wieħed mill-patrijiet li kien ġie. Ta' spiss konna nqattgħu ħin twil nitkellmu. U fl-aħħar waslet il-bomba!

Dan il-patri kien staqsieni jekk jiena kontx nitlob! Kienet mistqosija li ħasditni, mistoqsija li lanqas kont naf inweġibha.

Dejjem kont nemmen li t-talb huwa għan-nies li m'għandhomx x'jagħmlu u għal dawk ta' ċerta età (u dan għal ġieħna kont inkun ta' spiss il-knisja). Bil-mod il-mod dan il-patri beda jistiedinni biex immur fil-kappella tas-Sagrament u nqatta' ftit tal-ħin hemm ta' kuljum. Imqar 5 minuti. 5 minuti li meta nħares lura nara kemm bidluli ħajti. Hekk bdejt nagħmel, u dan bdejt nagħmlu b'għan wieħed, li x'ħin dan il-ħabib isaqsini jekk kontx tlabt kont inkun nista' inwieġeb IVA. Bqajt nagħmel dan ta' kuljum verament. Ħames minuti u xejn aktar. Sadanittant tani wkoll il-kuruna tar-Rużarju u talabni biex inżommha dejjem miegħi fil-but. Ħaġa li kienet sempliċi u li kont għamiltha mill-ewwel. Meta għaddew kważi ħmistax, irrealiżajt li ma baqax isaqsini jekk għadnix imur nitlob u bi skantament kont indunajt ukoll li xorta waħda bqajt immur. Bil-mod il-mod il-Mulej kien qed inissel fiha x-xewqa għall-ħajja ta' talb. Dawn il-ħames minuti biż-żmien ma baqgħux ħames minuti bdew jiżdiedu u l-kuruna tar-Rużarju ma baqgħetx fil-but biss... bdejt nispiċċa ngħid ir-rużarju! Imma issa kien fadal biċċa xogħol oħra! L-istil ta' ħajja li kont qed ngħix ma kienx qed jaqbel mal-ħajja tat-talb. Għalhekk bdejt inħalli warajja dawk l-affarijiet li ma kinux qed jgħinuni li nkun qrib ta' Ġesù.

Kien għadda issa ftit taż-żmien sew u kont qed nitkellem ma' dan il-patri fuq dan l-imbierek talb. Stqarrejt miegħu li għalkemm bdejt nitlob inħoss li xorta waħda jonqos aktar! U ma kontx naf xiex! Dan stedinni biex nibda nattendi għal-laqgħat tal-vokazzjonijiet tal-Kapuċċini u

jien mill-ewwel għidt LE! Kont ċert li l-ħajja reliġjuża jew saċerdotali ma kinitx għalija. Il-patri stqarr kif hu kien se jagħti l-isem u l-indirizz tiegħi li min hu nkarigat mbagħad niddeċidi jiena. Fl-istess ġimgħa kont iltqajt ukoll ma' ħabib tiegħi li kien diġà jmur għal dawn il-laqgħat ta' dixxerniment. Mingħajr ma għidtlu xejn, hu stedinni nibda immur miegħu, iżda għal darb'oħra rrifjutajt. Għalija kienet diġà biżżejjed li bdejt nitlob... kien ikun qed jistaqsi wisq il-Mulej jekk isejjaħli għall-ħajja Reliġjuża. I lekk kont naħseb.

Ix-xahar ta' wara rċevejt id-dar żewġ stediniet għal dawn il-laqgħat. Iewġ karti l-istess, bl-istess stedina għall-istess laqgħa. Bqajt b'ħalqi miftuħ. Ma stajtx issa ngħid le wara żewġ ittri. Iddeċidejt li mmur b'ċertezza waħda: dik li fl-ewwel laqgħa niskopri li din il-ħajja ma kinitx għalija. Ġbidt miegħi ħabib ieħor u flimkien morna għal-laqgħa. Kienet saret fil-kunvent tal-Kalkara. Laqgħa li nista' ngħid kienet tal-ġenn. Laqgħa li tefgħatni f'baħar ta' mistqosijiet. Laqgħa li minħabba fiha ma stajtx naqbad ngħid le mingħajr ma naħseb u nitlob ftit. Kien ambjent li ġibidni ħafna, patrijiet li laqgħuna tajjeb u anki ċerta paċi li ma kontx ħassejt qabel.

Fil-Milied ta' 2006 ġejt mistqosi nieħu sehem f'reċta li l-parroċċa kienet se ttella' fil-Velja tal-Milied. Aċċettajt li nieħu sehem u ġejt mogħti l-parti ta' San Franġisk. Kelli nilbes il-labtu għal din ir-reċta u waqt il-provi spiss kont nistaqsi 'Min hu dan li jien qed nirreċta l-parti tiegħu?' Għalhekk kont iddeċidejt li naqra l-ħajja ta' Missierna San Franġisk u din għenitni biex nkompli ninġibed lejn l-istil Franġiskan.

Ftit ftit bdejt niskopri kemm iva il-Mulej kien qed isejjaħli għal din il-ħajja. Ma kienetx faċli biex nasal għal din l-aċċetazzjoni, bħal ma għidt fil-bidu, imma permezz ta' dawn il-laqgħat, tad-direzzjoni spiritwali u tat-talb wasalt nagħraf u naċċetta dan kollu. Wasalt biex għaraft kemm il-Mulej iridni għaliH. Imma jien? Ta' tmintax-il sena nidħol il-kunvent? Int bis-serjeta? Jien mhinix kapaċi! Taħsbux li għax tkun ħadt id-deċiżjoni dawn il-ħsibijiet josfru..! Qatt ma jieqfu, anzi aktar jiġu! "U int taħseb li l-Papa huwa kapaċi? Li l-kappillan tiegħek huwa kapaċi? Li l-konfessur tiegħek huwa kapaċi?" Hekk qaltli darba persuna. Fhimt x'kien il-messaġġ. Illum ninsab fil-kamra tiegħi fil-kunvent tal-Kalkara nikteb dan l-artiklu... Dan għax jien kapaċi? Le, ħadd minna mhu kapaċi. Imma l-Mulej jagħmilni kapaċi. Fuq kollox hi ħidma tiegħu u mhux tal-persuna. Il-persuna trid biss tikkopera ma' Alla.

Kien hemm madwar żewġ esperjenzi oħra li mbagħad għenuni nagħraf li qiegħed fit-triq it-tajba. Kieku kelli niktibhom hawn kont nieħu wisq spazju! (Min jixtieq lest li naqsam miegħu dawn l-esperjenzi wkoll). Imma dawn kollha kumbinazzjonijiet?! L-affarijiet kif ġraw jagħtuk x'tifhem li nzertaw ġew hekk u daqshekk. Ma nemminx li hu hekk. Nemmen li l-Mulej juża' ċ-ċirkustanzi tal-ħajja tagħna u jkellimna bihom. Juża' persuni viċin tagħna biex iwasslilna l-messaġġ li jrid. Aħna rridu nkunu dejjem miftuħa u attenti sabiex nagħrfu nisimgħu dak li Alla jird iwasslilna. Igur jekk nagħmlu dak li l-Mulej irrid minna, niskopru kemm il-ħajja tagħna timtela b'ferħ ġenwin, ferħ li jaf jagħtih biss Kristu Rxoxt. •



# ROKNA GĦAT-TFAL

## Aqta' Min

1. Dan waqa' u zzappap. (2 Sam 4,4)
2. Raqad u qalgħulu rasu. (2 Sam 4,5-7)
3. Qatel lill-qattirla ta' Isboset. (2 Sam 4,12)
4. bagħat lil Salamun inkam għat-tempju. (1 Slat 6,24)
5. Kellu l-fetħa tal-ġwienaħ għaxart idriegħ. (1 Slat 6,24)
6. Min qiegħed it-twavel fl-arka. (1 Slat 8,9)
7. Kiemn il-qaddej ta' Eliżew. (2 Slat 4,12)
8. Għatas seba' darbiet u qam mill-mewt. (2 Slat 4,35)
9. Neħħa l-velenu mill-ikel bid-dqiq. (2 Slat 4,41)
10. Ħabbar lil David it-tielet kastigi. (1 Kron 21,11-12)
11. Biegħ lil David il-post tal-qiegħa. (1 Kron 21,22.25)
12. Min kellu jobni d-dar lill-Mulej? (1 Kron 22,6)

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-rebbieħa ta' April 2011 hija Lara Marie Spiteri - Sliema**

# TISLIBA - 107



1. Għaxtu fix-xalar u iżjed. (Ġak 5,5) **(5)**
2. Iferrxuh fejn kien joqgħod. (Ġob 18,15) **(6)**
3. Dan mal-fidi, magħha l-għerf. (2 pt 1,5) **(5)**
4. Morru għal din il-belt il-kbira. (Għam 6,2) **(5)**
5. Ġwanni kien fih. (Mt 11,2) **(4)**
6. Tfaqqas il-bajd. (Ġer 17,11) **(5)**
7. Alessandru żiedhom lil Ġonatan. (1 Mak 10,88) **(5)**
8. In-nies t'hawnhekk. (2 Kor 9,2) **(5)**
9. Dak li..., dak li... (Ġdt 9,5) **(3)**
10. ...biex jingħaraf it-tajjeb. (Film 6) **(7)**
11. u 12. Oqgħod hekk. (Esd 4,22) **(3)**
13. *Nithenna* fuq li *nithenna* magħkom. Fil 2,17) **(6)**
14. Sultan ta' Iżrael. (2 Slat 15,32) **(5)**
15. Jgħarrex warajhom. (Għan 2,9) **(5)**
16. Ngħidilkom f'din *il-kitba*. (2 Tess 3,14) **(5)**
17. Għax hu din tagħna. (Dt 32,4) **(5)**
18. Fit-tempju ta'... (Mħ 9,46) **(7)**
19. Jissejħu għasafar ta' hawn. (Lq 12,6) **(4)**
20. Dan u għads. (Eżek 4,9) **(3)**
21. Kulur ix-xagħar. (Prov 16,31) **(5)**
22. Kif jien, meta... (Apk 3,21) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' APRIL 2011:**
***1. Bitħa; 2. Xettru; 3. Iġsma; 4. Wasal; 5. Dell; 6. Darba; 7. Ifeġġ; 8. Asera; 9. Ħut; 10. Msallab; 11. Jum; 12. Est; 13. Sodoma; 14. Wissi; 15. Abram; 16. Hafna; 17. Frisk; 18. Imħabba; 19. Hawt; 20. Dar; 21. Sewda; 22. Nemus.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-rebbieħa ta' April 2011 hija Sharon Hayman - Żurrieq**

**Ir-rebbieħa taż-żewġ kompetizzjonijiet jekk jogħġobhom jiġbru l-premju bejn id-9.00am u 11.30am u bejn il-5.00pm u s-7.00pm mill-Uffiċċju Missjoni, Kunvent Kapuċċini, Floriana. Tel: 2123 3874**

# IL-VOKAZZJONIJIET
## FIL-KONTINENT TAL-AMERIKA LATINA U L-KARIBEW

Bejn it-30 ta' Jannar u l-5 ta' Frar 2011, il-Konferenza tal-Isqfijiet Kattoliċi tal-Amerika Latina u l-Karibew (CELAM) organizaw it-tieni Kungress Kontinental dwar il-vokazzjonijiet. Dan il-Kungress twettaq f'Cartago – Costa Rica.



Għalih attendiet delegazzjoni minn Kuba fejn Ħuna Fr Philip Cutajar kien jifforma parti minnha. Flimkien ma' Ħuna Philip attendew Mons. Domingo Oropesa Lorente, Isqof ta' Cienfuegos u President tal-Kummissjoni Episkopali tal-pastorali vokazzjonali, żewġ reliġjużi nisa u erba' qasisin djoċesani; ilkoll qegħdin iwettqu ħidma ta' pastorali vokazzjonali ġewwa l-gżira ta' Kuba. Ħuna Philip minbarra li kien jifforma parti mid-delegazzjoni minħabba fil-pastorali vokazzjonali li qed iwettaq fil-preżent, huwa kien qiegħed ukoll jippreżenta lir-reliġjużi rġiel bħala l-uniku reliġjuż.

Is-suġġett prinċipali ta' dan il-kungress kien imnebbaħ mis-silta Evanġelika: **"MGĦALLEM GĦALL-KELMA TIEGĦEK NIXĦET IX-XBIEKI"** (Lq 5:5). Il-metodoloġija li biha ġew ipperżentati l-laqgħat kienet ibbażata fuq tliet mumenti prinċipali: **NARA/NIĠĠUDIKA/NAĠIXXI**. Matul il-laqgħat li saru ġie studjat bir-reqqa l-kuntest Soċjo-Kulturali-Ekklesjali preżenti f'dan il-kontinent f'relazzjoni man-numru u l-kwalità ta' vokazzjonijiet li bħalisa jeżistu. Minbarra l-mumenti ta' konferenzi minn kelliema ta' fama internazzjonali kien hemm diversi waqtiet ta' "workshops" magħmula kemm skond is-suġġett ittrattat jew skond ir-reġjun jew pajjiż. Ipparteċipaw 486, bejn Kardinali (2), Isqfijiet (30), qassisin u reliġjużi rġiel (150), reliġjużi nisa (110), membri ta' Istituti Sekulari (60) u lajċi (134) ġejjin minn 22 pajjiż.

Bħala riżultat ta' dan it-tieni Kungress Kontinentali Latin Amerikan u Karibew diġà ġie ppubblikat dokument finali ffirmat mill-Kardinal Raymondo Damasceno Assis, Arċisqof ta' Aparicida, Brasil, bħala il-President taċ-CELAM; u għal Jum Dinji tal-Vokazzjonijiet se joħroġ dokument aktar dettaljat ta' dak kollu li ntqal u ġie studjat flimkien mal-konkluzjonijiet u proposti li saru. Ġie deċiż ukoll li bħala kontinwazzjoni ta' dan il-kungress kull reġjun (il-kontinent tal-Amerika Latina u l-Karibew huwa maqsum f'ħames reġjuni) jiċċelebra assemblea bil-għan li l-konkluzzjoniet jiġu applikati għal ambjent u ħtiġijiet taż-żona. F'relazzjoni tar-reġjun tal-Karibew ġie deċiż li ssir assemblea vokazzjonali f'Kuba fejn għaliha jipparteċipaw persuni gejjin mit-tnax-il pajjiz tal-Karibew.

Matul il-kungress inħass ambjent ta' fraternità, ta' ottimiżmu u fiduċja u mhux inqas ta' ħerqa u kuraġġ sabiex il-Knisja fl-Amerika Latina u l-Karibew tkompli taħdem b'metodi ġodda u b'nies li kapaċi jkunu ta' xhieda nisranija awtentika b'risq it-tkattir ta' vokazzjonijiet qaddisa fi ħdan Il-**KONTINENT TAL-ESPERANZA** – hekk kif kien sejjaħlu l-Beatu Papa Ġwann Pawlu II.

Flimkien ma' Ħuna Fr Philip Cutajar minn Malta kien preżenti għal dan il-Kungress dwar il-vokazzjonijiet is-saċerdot Malti Mons. Dun Frans Bonniċi bħala rappreżentant tal-Vatikan. Wara t-tmiem tal-Kungress, id-delegazzjoni Kubana kienet mistiedna għal-laqgħa ta' ħbiberija mill-Ambaxxatur Kuban għal Costa Rica, laqgħa li espremiet it-titjib tar-relazzjonijiet bejn il-Gvern Kuban u l-Knisja Kattolika f'Kuba. •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**

## COFFEE MORNING B'RISQ IL-MISSJONI TAL-KAPUĊĊINI FIL-KENJA

Nhar il-Ħamis, 19 ta' Mejju 2011, mid-9am 'il quddiem f'THE PALACE, Raħal Ġdid.

**GĦAL INFORMAZZJONI U BOOKING ĊEMPEL 2167 7389**